## Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## RIK NRU 351/2021: **MARIE JOSETTE BIANCO (KI. 308754M) V. (1) IS-SINDKU U S-SEGRETARJU TAL-KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI GĦAN-NOM U IN RAPPREŻENTANZA TAL-ISTESS KUNSILL (2) L-AĠENZIJA GĦAL INFRASTRUTTURA MALTA[1] (3) L-AWTORITA' GĦAT-TRASPORT F'MALTA[2]**

(RESPONSABILITA' AWKILJANA TA' ENTITA TAL-GVERN ILLI TWETTAQ TRASGRESSJONI TA' DMIR IMPOST FUQHA MILL-LIGI – ID-DMIRIJIET TAL-AĠENZIJA GHAL INFRASTRUTTURA MALTA LI TIEHU HSIEB IZ-ZAMMA TA' KWALUNKWE TRIQ SAKEMM DIN MA TKUNX TAQA' TAHT IR-RESPONSABILITA TA' KUNSILL LOKALI - F'AZZJONI AQUILIANA L-ATTUR GĦANDU ONERU TA' PROVA IKTAR DIFFICLI BILLI JRID JIPPROVA N-NEXUS BEJN L-AGIR TAL-KONVENUT U D-DANNU MINNU SOFFERT - FIR-RIGWARD TA' SPEJJEZ MEDICI, GHAL SAHHTU KULHADD GHANDU D-DRITT LI JIEHU DAWK IL-MIZURI KOLLHA NECESSARJI SABIEX JASSIGURA LI JIEHU L-AHJAR KURA FIC-CIRKUSTANZI – DECIZJONI LI TIRRIGWARDA KURA MEDIKA HIJA RIMESSA GHAL FIDUCJA PERSONALI TAL-PAZJENT - FAILURE TO CROSS EXAMINE A WITNESS WHO HAS GIVEN RELEVANT EVIDENCE FOR THE OTHER SIDE IS HELD TECHNICALLY TO AMOUNT TO AN ACCEPTANCE OF THE WITNESS'S EVIDENCE IN CHIEF - IR-REGOLA TAL-AHJAR PROVA U T-TEMPERAMENT TAGHHA FIL-GURISPRUDENZA – META SSIR TALBA B'ATT GUDIZZJARJU GHALL-HLAS TAL-KAPITAL, JIBDA JIDDEKORRI OPE LEGIS L-IMGHAX FUQ L-ISTESS KAPITAL U M'HEMMX HTIEGA ILLI L-ATTUR JAGHMEL ESPRESSAMENT TALBA GHALL-HLAS TAL-IMGHAX)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**13 ta' Jannar 2025**

---

[1] L-isem tal-Aġenzija intimata fl-okkju tal-proċediment ġie korrett mill-Qorti *marte proprio* għar-raġunijiet imfissra aktar isfel f'din is-sentenza.
[2] L-isem tal-Awtorita' intimata fl-okkju tal-proċediment ġie korrett mill-Qorti *marte proprio* għar-raġunijiet imfissra aktar isfel f'din is-sentenza.

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' Marie Josette Bianco (iktar 'l quddiem fis-sentenza msejjħa ukoll "ir-rikorrenti") ippreżentat fl-20 ta' Diċembru 2021[3] li permezz tiegħu talbet lis-Sindku u s-Segretarju tal-Kunsill Lokali ta' Hal Qormi għan-nom u in rappreżentenza tal-istess Kunsill (iktar 'l quddiem fis-sentenza msejjħa ukoll "il-Kunsill intimat", "il-Kunsill Lokali intimat", "il-Kunsill" jew "il-Kunsill Lokali"), lill-Aġenzija għal Infrastruttura Malta (iktar 'l quddiem fis-sentenza msejjħa ukoll "l-Aġenzija intimata" jew "Infrastructure Malta") u lill-Awtorita' għat-Trasport f'Malta (iktar 'l quddiem fis-sentenza msejjħa ukoll "l-Awtorita' intimata" jew "Transport Malta") – flimkien imsejjħa "l-intimati" – sabiex jidhru quddiem il-Qorti fid-data appuntata għas-smiegħ u jgħidu l-għaliex m'għandhomx jiġu kkundannati li:

**"jħallsu għad-danni li sofriet ir-rikorrenti u dan skond ir-rikors anness u mmarkat bħala Dok GS6"**

Fid-dokument immarkat bħala "Dok GS6" ir-rikorrenti spjegat il-każ tagħha f'aktar dettal kif segwenti:

**Peress illi nhar il-wiehed u ghoxrin (21) ta' Jannar tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) ghall-habta tan-nofsiegha ta' waranofsinhar (12:30pm) waqt li l-attrici kienet miexja minn Triq il-Mithna, Hal Qormi, kien hemm hofra kbira fit-triq li b' konsegwenza taghha hija waqghet**

**U peress illi konsegwenza ghal dan l-incident l-attrici soffriet griehi gravi f'gisimha li habba fihom qed tbati danni ingenti li ammontaw ghal sebghat elef u tmien mija u disgha u sittin Ewro (€7869.00) fi spejjez u dan skond ir-rendikonti u l-ircevuti li qeghdin jigu hawn annessi u mmarkati bhala 'Dok GS1'.**

**U peress illi dan l-incident sehh unikament minhabba negligenza kbira tal-Kunsill Lokali ta' Hal Qormi , tal-Infrastructure Malta u ta' l-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta jew min mjnnhom u dan billi naqsu milli jassikuraw li ma jkun hemm ebda periklu ghal min jaghmel uzu tat-triq billi hallew toqba fit-triq minghajr ma kien hemm avviz jew mizura ohra ta' sigurta.**

**Illi l-konvenuti naqsu milli jezercitaw il-prudenza ta' bonus pater familias.**

**Ghalhekk kelha ssir din il-kawza.**

**Jghidu l-konvenuti ghaliex ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:-**

---

[3] Fol 1-24B

**1. Tiddikjara illi l-incident oggett ta' din il-kawza gara unikament konsegwenza tan-negligenza da parti tal-konvenuti jew min minnhom li naqsu li jassikuraw rwiehhom li jitnehha kull periklu ghall-pubbliku.**

**2. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-attrici s-somma ta' sebghat elef u tmjen mija u disgha u sittin Ewro (€7869.00) rapprezentanti d-danni li hija soffriet a kawza tan-negligenza tal-intimati jew min rninnhom.**

**Salv kull provvediment iehor li din l-Onorabbli Qorti joghgobha taghti .**

**Bl-ispejjez tal-kawza odjerna u tal-ittri ufficjali bin-numri 5072/2021, 4924/2021 u 5200/2021 kontra l-intimati hawn annessi bhala 'Dok GS3', 'Dok GS4' u Dok GS5'.**

**Il-konvenuti mharrka ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa qed jigu ngunti."**

wara li rat ir-risposta tal-Kunsill Lokali intimat ppreżentata fis-16 ta' Frar 2022[4] li permezz tagħha wieġeb kif ġej:

> **"1. Illi jigi rilevat illi l-ewwel darba li l-Kunsill konvenut gie b'xi mod mgharraf illi allegatament kien sehh l-allegat incident mertu tal-kawza kien biss meta gie notifikat bl-ittra uflicjali tar-rikorrenti tas-16 ta' Novembru 2021 , u cioe' madwar sena u ghaxar xhur wara li allegatament sehh l-allegat incident.**
>
> **2. Illi preliminarjament, il-Kunsill Lokali Hal Qormi mhuwiex legittimu kuntradittur u dana stante illi l-post fejn qed jigi allegat li sehh l-allegat incident ma jaqax fil-konfini tal-kunsill lokali ta' Hal Qormi.**
>
> **3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-Kunsill Lokali Hal Qormi ma huwa bl-ebda mod responsabbli ghall-allegat incident u ma kienx jahti ta' xi nuqqasijiet jew negligenza.**
>
> **4. Illi totalment minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti trid iggib prova tal-allegati danni realment subiti minnha, li dawn l-allegati danni kienu r-rizultat dirett tal-allegat incident u li gew inkorsi minnha.**
>
> **5. Illi totalment minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-allegati danni mitluba mir-rikorrenti huma ezagerati u r-rikorrenti naqset mill-obbligu taghha li timminimizza dawn l-allegati danni.**
>
> **Salv eccezzjonijiet ulterjuri.**
>
> **Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti li hi ngunta minn issa stess ghas-subizzjoni."**

[4] Fol 28

wara li rat ir-risposta ta' Transport Malta ppreżentata fis-16 ta' Frar 2022[5] li permezz tagħha wieġbet kif ġej:

> **"Illi fl-ewwel lok jigi rilevat li n-nomenklatura tal-Awtorita' esponenti hija 'L-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta u konsegwentement ir-rikorrenti ghandha tghaddi sabiex tirregola ruħha dwar l-istess sabiex l-okkju u kull fejn tissemma l-istess Awtorita' tkun indirizzata bit-titolu kif suppost;**
>
> **Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-Awtorita' esponenti teccipixxi li m' hijiex il-legittimu kontradittur f'din il-kawza stante li t -triq in kwistjoni ma taqax tant ir-responsabbilita' u l-mansjoni tal-Awtorita' esponenti kif ukoll ghaliex mill-4 ta' Settembru 2018, xogholijiet ta' manutenzjoni tat-toroq u ftuh ta' toroq godda f'idejn l-Agenzija Infrastruttura Malta (intimata wkoll f'dawn il-proceduri) u konsegwentement l-istess Awtorita' mittenti mhijiex responsabbli ghall-incident mertu tal-proceduri odjerni;**
>
> **Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-Awtorita' esponenti tirrispingi l-pretensjonijiet u l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti kif dedotti bhala infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-istess Awtorita' m'hijiex responsabbli ghall-incident mertu tal-kawża.**
>
> **Salv eċċezzjonijiet ulterjuri."**

wara li rat ir-risposta ta' Infrastructure Malta ppreżentata fit-28 ta' Frar 2022[6] li permezz tagħha wieġbet kif ġej:

> **"Tesponi bir-rispett u l-Ing. Fredrick Azzopardi fil-vesti tieghu ta' CEO ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess Agenzija jikkonferma u jiddikjara li s-segwenti fatti jafhom personalment:**
>
> **1. Illi preliminarjament, l-Agenzija intimata ma hix il-legittimu kontradittur tal-azzjoni attrici u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju. L-Agenzija ma wetqitx ix-xoghlijiet fit-triq fid-data tal-allegat incident u ghaldaqstant l-incident de quo ma sehhx b'xi nuqqas da parti tal-esponenti;**
>
> **2. Illi t-triq in kwistjoni la hija wahda arterjali u lanqas distributorja u għaldaqstant huwa l-Kunsill Lokali ta' Hal-Qormi, l-Kunsill mogħni bir-responsabbilta mit-triq de quo skont Kapitoli 363 u 588 tal-Ligijiet ta' Malta;**

[5] Fol 34
[6] Fol 43-45

> **3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-Agenzija eccipjenti mhijiex responsabbli ghad-danni reklamati mill-attrici, u f'kull kaz jispetta lill-attrici tipprova li l-Agenzija esponenti tahti ghal xi nuqqasijiet li jrenduha responsabbli ghad-danni pretizi minnha.**
>
> **4. Illi b'zieda mal-premess, u dejjem bla pregudizzju l-attrici ghandha ggib l-ahjar prova tad-danni pretizi minnha .**
>
> **5. Illi, mingħajr pregudizzju ukoll, u f'kull kaz, it-talbiet tal-attrici huma nfondati fil-fatt u kif ukoll fil-ligi.**
>
> **6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri."**

wara li qrat l-*affidavits* ippreżentati mill-partijiet,

wara li semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet u qrat it-traskrizzjoni tat-testimonjanza tagħhom,

wara li rat in-noti ta' sottomissjonijiet finali ppreżentati:

- għan-nom tar-rikorrenti, mill-Avukat Dr. Eliza Borg Rizzo[7],
- għan-nom tal-Kunsill Lokali intimat, mill-Avukat Dr. Simon Cachia[8],
- għan-nom tal-Awtorita' intimata, mill-Avukat Dr. Christopher Louis Vella u l-Avukat Dr. Clyde Bonnici[9],
- għan-nom tal-Aġenzija intimata, mill-Avukat Dr. Franco Galea u l-Avukat Dr. Roberto Spiteri[10],

wara li rat il-bqija tal-atti proċesswali,

qed tagħti din is-

## Sentenza

### Daħla

1. F'din il-kawża r-rikorrenti qed jitlob risarċiment tad-danni *ex-delicto* li tgħid li sofriet b'konsegwenza tan-negliġenza tal-intimati jew min minnhom u dan wara li waqgħet f'ħofra fi Triq il-Mitħna, Ħal Qormi, fil-21 ta' Jannar 2020. B'kawża ta' din il-waqgħa hija tgħid li sofriet ġrieħi gravi u nefqet spejjeż li jammontaw għal € 7,869. Skond hi, l-intimati naqsu mill-obbligazzjoni tagħhom illi jassikuraw li ma jkun hemm ebda

---

[7] Fol 269-272
[8] Fol 273-276
[9] Fol 287-294
[10] Fol 278-284

periklu għal min juża t-triq u dan billi ħallew il-ħofra mingħajr ma ħadu l-prewkazjonijiet jew miżuri ta' sigurta meħtieġa.

2. Fil-mertu l-intimati jiċħdu r-responsabiltà tagħhom. Qabel xejn però b'mod preliminari l-intimati qegħdin jgħidu li m'humiex leġittimi kontradditturi: il-Kunsill Lokali intimat għaliex skond hu l-inċident ma jaqax fil-konfini tal-Kunsill, Transport Malta għaliex skond hi t-triq ma taqax taħt ir-responsabiltà tagħha iżda taħt ir-responsabiltà ta' Infrastructure Malta, u Infrastructure Malta għaliex skond hi apparti li ma wettqet l-ebda xogħlijiet fit-triq fid-data tal-allegat inċident, huwa l-Kunsill intimat responsabbli mit-triq peress illi din la hija waħda arterjali u lanqas distributorja. Imbagħad fil-mertu apparti li jiċħdu r-responsabiltà' tagħhom, il-Kunsill jgħid illi d-danni mitluba jridu jiġu ppruvati, huma esaġerati u li r-rikorrenti ma ppruvatx timminimizzahom, filwaqt li Infrastructure Malta tgħid li r-rikorrenti għandha ġġib l-aħjar prova tad-danni allegati minnha.

**Provi**

3. Fis-seduta tal-4 ta' Lulju 2022 ġie ppreżentat l-affidavit tar-rikorrenti **<u>Marie Josette Bianco</u>**[11]:

    a. Hija spjegat li fil-21 ta' Jannar 2020 għall-ħabta ta' 12.30pm kienet miexja minn Triq il-Mitħna, Hal Qormi, faċċata tal-*HSBC Head Office* u eżatt kif ħarġet mill-karozza tagħha, hija waqħet f'toqba kbira li kien hemm fit-triq. Il-waqgħa tant kienet kbira li permezz tagħha l-għadma ta' spallejha ħarġet minn postha, u wieħed seta' jara l-forma tal-għadma maħruġa minn postha.

    b. Issejħet ambulanza fuq il-post tal-inċident mill-impjegati tal-ħanut li kient jinsab ħdejha, jiġifieri l-Elektra, u din damet aktar minn siegħa biex tasal. Aktar ma għadda l-ħin, aktar iggrava l-uġigħ kbir li kienet qed tħoss. Fil-fatt, hija ma setgħetx tqum minn mal-art minħabba l-uġigħ. L-ambulanza wasslitha fil-kwartieri tal-emerġenza fl-Isptar Mater Dei. L-impjegati tal-isptar ħaduha għal X-ray ftit tal-ħin wara. Madankollu, minkejja li ż-żewġ uliedha ppruvaw jiġbdu l-attenzjoni tat-tobba, hija tħalliet fuq stretcher fil-kuritur tal-isptar għal sigħat twal tipprova tisstaporti l- uġiegħ.

[11] Fol 56-62

c. Peress li ma setgħetx tistaporti aktar l-uġigħ u s-sensazzjoni ta' spallejha bdiet tinbidel, ma kellhiex għażla ħlief li titlaq minn Mater Dei u tmur sptar privat sabiex spallejha tingħata l-attenzjoni u l-kura li kellha bżonn. Hija marret fl-Isptar St James, fejn qalulha li kienet qed issofri minn ġrieħi gravi fi spallejha u li kellha bżonn tiġi operata immedjatament.

d. L-operazzjoni saret, u idha fi "sling" għal xi erba' (4) ġimgħat. Matul dak iż-żmien, idha kienet tuġagħha hafna tant li qattgħet iljieli ma tistax torqod. Kellha tattendi ukoll għall-fisjoterapija. Għamlet MRI (rapport anness u mmarkat bħala Dok GS 2) li wera li kien hemm aktar kumplikazzjonijiet.

e. Minħabba dawn il-kumplikazzjonijiet, kellha tagħmel operazzjoni oħra fi spallejha, li saret f'Marzu 2020.

f. Hija ġiet limitata b'tali mod li ftit li xejn setgħet tmidd idejha fid-dar, u għalhekk kellha tonfoq il-flus sabiex timpjega lil xi ħadd jgħinha u sabiex il-familja tagħha tkun tista' tiffunzjona sew. Wara numru ta' appuntamenti għand it-tobba u wara t-tieni operazzjoni, kellha tattendi aktar appuntamenti tal-fisjoterapija.

g. Minħabba l-pandemija tal-COVID-19, ħafna negozji kellhom jagħlqu, u fil-fatt ir-raġel tagħha kien qed jaffaċċja l-għeluq tan-negozju tiegħu. Aktar minn hekk, hija ma setgħetx issuq minħabba l-inċident, u għalhekk kellha tiddependi fuq membri tal-familja tagħha biex tmur minn post għall-ieħor.

h. Sfortunatament fl-istess perjodu, ir-raġel tagħha miet f'daqqa fis-26 ta' Ġunju 2020 u dan l-episodju kompla jiggrava t-trawma li kienet għaddejja minnha.

i. B'konsegwenza ta' dan l-inċident u tal-ġrieħi li sofriet hija nkorriet danni li jammontaw għal sebat elef tmien mija u disa' u sittin ewro (€7869.00) fi spejjeż, skont ir-rendikonti u r-riċevuti li ġew annessi u mmarkati bħala 'Dok GS1' mar-rikors promotur.

j. Skont ir-rikorrenti dan l-inċident seħħ unikament minħabba negliġenza kbira tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi, tal-Infrastructure Malta, u tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta jew min minnhom, billi naqsu milli jassiguraw li ma jkun

hemm ebda periklu għal min jagħmel użu mit-triq u dan billi ħallew ħofra fit-triq mingħajr ma kien hemm avviż jew miżura oħra ta' sigurtà.

k. Aktar minn hekk, l-istess ħofra tħalliet hemm għal ħafna żmien wara l-inċident.

l. Ir-rikorrenti annettiet ukoll ir-riżultati tal-X-Ray u tal-MRI li ħadet fl-Isptar Mater Dei, kif ukoll żewġ *discharge forms* rilaxxjati mill-Isptar St James (ara Dok GS 3).

4. In kontroeżami fis-seduta tat-8 ta' April 2024[12] r-rikorrenti **Marie Josette Bianco** *inter alia:*

a. Ikkonfermat li fil-ġurnata tal-inċident, it-temp kien xemxi. Qalet li l-inċident seħħ eżattament kif ħarġet mill-karozza tagħha meta waqgħet ġo ħofra li kien hemm fit-triq.

b. Sostniet li l-ħofra kienet kbira u għalhekk ma setgħetx tevita li taqa'. Qalet ukoll li ma kienitx distratta u kienet sejra fil-ħanut tal-Elektra. Meta mistoqsija jekk kienx hemm sinjali tat-triq jew uffiċjali qed jidderieġu t-traffiku, ir-rikorrent qalet li ma kien hemm ħadd. Spjegat ukoll li ma kienx hemm xogħlijiet f'dik iż-żona dakinhar.

c. Spjegat li sofriet ġrieħi serji fl-ispalla leminija tagħha, li wasslu għal żewġ operazzjonijiet. Mistoqsija fuq intervent mediku li kellha qabel l-inċident fuq l-ispalla l-oħra (ix-xellugija), hija sostniet li tali intervent ma kellu x'jaqsam xejn ma' dan l-inċident u ma kienx jikkonċerna *dislocation* tal-ispalla. Fir-rigward tal-ewwel operazzjoni fuq l-ispalla leminija, il-kirurgu kien irranġa l-għadma li kienet ħarġet minn postha. Wara l-operazzjoni, il-kirurgu avżaha li setgħu jiżviluppaw kumplikazzjonijiet, u dan ġie kkonfermat minn MRI li sar aktar tard.

d. Qalet li għamlet fiżjoterapija wara l-operazzjoni, iżda ma rnexxilhiex tagħmel progress minħabba problemi oħra li kellha, li ġew ikkonfermati wara l-MRI. Barra minn hekk, qalet li kienet għamlet *scan* aktar profond qabel it-tieni

[12] Fol 260C-260G

operazzjoni, iżda mhux qabel l-ewwel waħda. Għall-ewwel intervent, sarilha biss X-ray fl-isptar.

e. Dwar il-post tal-inċident, hija ddeskriviet kif ipparkjat il-karozza tagħha faċċata tal-head office tal-HSBC u ħarġet biex iġġib xi ħaġa mill-*boot* tal-karozza. Il-ħofra kienet tinsab wara l-karozza, mhux bejn il-karozza u l-ħanut. Ma setgħetx tiftakar jekk kienetx għaddiet minn fuq il-ħofra inizjalment qabel ma pparkjat il-karozza. Wara li waqgħet, ma setgħetx tqum minħabba l-uġigħ kbir li ħasset

5. Fis-6 ta' Marzu 2023 xehdet **Nadia German**, *psychotherapist* li taħdem l-Isptar Saint James, Tas-Sliema[13]:

a. Din spjegat illi r-rikorrenti kienet klijenta tagħha u li ratha l-ewwel darba f'Marzu tal-2020, wara li din kienet għaddiet minn operazzjoni fuq l-ispalla leminija tagħha. Ix-xhud ikkonfermat li ma kienitx rat lil Bianco qabel l-inċident jew qabel l-operazzjoni.

b. Mill-perspettiva professjonali tagħha, ix-xhud spjegat li l-operazzjoni li għamlet ir-rikorrenti kienet tinkludi tiswija tar-*rotator cuff* u interventi oħra fuq il-*biceps* u t-tessut relatat. Din l-informazzjoni kienet ingħatatilha mill-kirurgu Mr. Casaletto. Hija spjegat li skont il-prassi, pazjent għandu jibda fiżjoterapija fi żmien ġimgħa mill-operazzjoni u tipikament jibqa' taħt il-kura tagħha għal madwar tliet xhur.

c. Ix-xhud iddikjarat li r-rikorrenti baqgħet taħt il-kura tagħha sa l-aħħar żjara tagħha fl-4 ta' Ġunju 2020.

d. In-kontro-eżami, x-xhud ikkonfermat li ma kienitx preżenti meta ġara l-inċident u li l-informazzjoni li kellha dwar dak li ġara kienet ingħatatilha mir-rikorrenti stess. Qalet ukoll li mhuwiex kompitu tagħha li tivverifika x'ġara waqt l-inċident.

[13] Fol 80-82

6. Fis-6 ta' Marzu 2023 ukoll xehed **Mr. John Casaletto**, *Consultant Orthopaedic Surgeon* li jaħdem fost l-oħrajn fl-Isptar Saint James, Tas-Sliema[14]:

    a. Dan spjega li huwa kien involut fit-trattament tar-rikorrenti minħabba problemi mediċi fi spallejha. Qal li operaha darbtejn fuq l-ispalla tal-lemin u darba fuq l-ispalla tax-xellug. It-tieni operazzjoni fuq l-ispalla tal-lemin kienet saret fit-3 ta' Marzu 2020, wara li *ultrasound* kienet wera tiċrita fir-*rotator cuff* tat-*tendon* tagħha. Ix-xhud irrimarka wkoll li fir-rigward tal-inċident in kwistjoni kien ra lil Bianco l-ewwel darba fit-28 ta' Frar 2020.
    b. Dr. Casaletto qal li wara l-operazzjoni, Bianco għaddiet minn perjodu ta' fiżjoterapija u kien ra darba jew darbtejn waqt ir-riabilitazzjoni tagħha. Rigward operazzjonijiet oħra, iddikjara li Bianco kienet għamlet operazzjoni fuq l-ispalla tax-xellug fl-2019 minħabba tiċrita simili, iżda fil-fehma tiegħu tali intervent ma kienx rilevanti għall-każ attwali.

    c. Dwar l-operazzjonijiet fuq l-ispalla tal-lemin, ix-xhud qal li dawn kienu ffokati fuq it-trattament tat-tiċrita fir-*rotator cuff* u mhux fuq xi bidliet deġenerattivi li setgħu kienu preżenti. Huwa enfasizza li bidliet deġenerattivi li jidhru fuq l-MRI, bħalma huma ACJ degeneration (*Acromioclavicular Joint Degeneration*), ma jfissrux neċessarjament li huma l-kawża tal-uġigħ tal-pazjent, u għalhekk l-operazzjonijiet fuq l-ispalla tal-lemin ma kienux maħsuba biex jindirizzaw xi ACJ degeneration.

    d. Meta mistoqsi jekk kienx għamel operazzjoni biex isolvi din id-deġenerazzjoni, Dr. Casaletto ċaħad dan u qal li l-injury prinċipali kienet it-tiċrita fir-*rotator cuff*.

7. In kontroeżami fis-seduta tas-27 ta' Mejju 2024, **Mr. John Casaletto**, xehed kif ġej[15]:

    a. Ix-xhud ikkonferma li għamel l-intervent mediku fuq ir-rikorrenti fit-3 ta' Marzu 2020, fejn ġiet imsewwija struttura fl-ispalla, inkluż "rotator cuff" u "l-biceps". Spjega li matul l-operazzjoni sab tiċrita fir-"rotator cuff" tal-ispalla tal-lemin, iżda ma setax jiddetermina jekk it-tiċrita kienitx preżenti qabel jew

[14] Fol 83-88
[15] Fol 268A-268F

wara l-inċident. Żied jgħid li hemm tliet sitwazzjonijiet possibbli: it-tiċrita setgħet kienet hemm qabel l-inċident, setgħet kibret qabel, jew setgħet seħħet b'kawża tal-inċident. Huwa ddikjara li mhux f'pożizzjoni li jagħmel konklużjonijiet dwar il-kawża tat-tiċrita mingħajr rapporti mediċi-legali.

b. Meta mistoqsi dwar jekk injuries bħal dawn setgħux ikunu riżultat ta' "wear and tear" jew "aging," ix-xhud ikkonferma li l-età ġeneralment taffettwa dawn it-tip ta' injuries. Huwa nnnota wkoll li pazjenti ta' ċerta età jistgħu jesperjenzaw problemi simili fiż-żewġ spallejn jekk ikun hemm kundizzjoni f'waħda minnhom.

c. Huwa kkonferma li l-operazzjoni fuq l-ispalla tax-xellug kienet simili għall-operazzjoni fuq l-ispalla tal-lemin, iżda ma setax jiftakar x'kien ikkawża l-uġigħ fuq l-ispalla tax-xellug.

d. Meta ġie riferut għal dokumenti, ix-xhud ikkonferma li t-3 ta' Marzu 2020 kienet id-data tat-tieni operazzjoni fuq l-ispalla l-leminija , u li l-firma tiegħu kienet fuq id-dokument. Ix-xhud spjega li fl-21 ta' Jannar 2020, kien għamel ukoll intervent fuq ir-rikorrenti biex jirranġalha f'postha d-*dislocation* fl-ispalla l-leminija. Ix-xhud spjega li din il-proċedura ma twassalx bilfors għal operazzjoni oħra: xi drabi MRI juri li m'hemmx ħsara, iżda drabi oħra jkun hemm ħsara li jeħtieġ intervent sekondarju bħala ma ġara f'dan il-każ.

8. Fl-24 ta' April 2023 ir-rikorrenti ppreżentat nota b'sett ta' *affidavits* u ċioe l-*affidavits* ta' Michaela Debono, Francesca Bianco, Marc Bianco, Matthew Bianco u Anna Grech:

a. **<u>Michaela Debono</u>**[16], it-tifla tar-rikorrenti, kkonfermat il-kontenut tal-affidavit ta' ommha datat l-1 ta' Lulju 2022, li kien ippreżentat fil-kawża. Hija spjegat li, wara li ommha waqgħet, in-nies inklużi impjegati tal-istabbiliment "Elektra" għamlu ħilithom biex jgħinuha u ċemplu lil missierha, li issa huwa mejjet, kif ukoll lilha u lil ħutha l-oħra. Ix-xhud iddikjarat li ltaqgħet mal-familja tagħha fl-Isptar Mater Dei, fejn sabu lil ommha f'uġigħ kbir u b'spalla li kienet tidher li ħarġet minn postha. Hija rrakkontat kif ommha damet sigħat tistenna fl-awla tal-emerġenza ta' Mater Dei, iżda l-uġigħ kien tant qawwi li

[16] Fol 91-92

kienu kostretti jieħduha l-Isptar St James f'Tas-Sliema għal kura medika urġenti. Spjegat li ommha kellha żewġ operazzjonijiet, waħda fil-21 ta’ Jannar 2020 – l-istess jum tal-inċident – u oħra fit-3 ta’ Marzu 2020. Iż-żewġ operazzjonijiet saru bħala riżultat dirett tal-waqgħa li sofriet fl-21 ta’ Jannar 2020. Ix-xhud semmiet li l-inċident kellu implikazzjonijiet serji fuq ommha, inkluż li ma setgħetx twettaq l-faċendi ta’ kuljum bħat-tindif tad-dar u l-ġarr tax-xirjiet. Ommha kellha timpjega lil xi ħadd biex jgħinha fid-dar u ma setgħet tagħmel xejn, speċjalment minħabba li hija "right-handed." Ix-xhud iddikjarat ukoll li ommha ma setgħetx issuq għal erba’ xhur. Kull darba li kellha bżonn tmur xi mkien, bħas-sessjonijiet ta’ fiżjoterapija, appuntamenti mat-tobba, jew għal-lezzjonijiet ta’ korsijiet li kienet tattendi, kellha tiddependi fuq missierha, membri tal-familja u ħbieb.

b. **<u>Francesca Bianco</u>**[17], tifla oħra tar-rikorrenti, ikkonfermat u rrepetiet dak li qalu oħtha Michaela Debono u ommha. Inoltre qalet ukoll illi kienu hi, ħutha Matthew u Marc u missierha li kienu marru fuq il-post sabiex jassistu lir-rikorrenti. Qalet li setgħu jaraw b’għajnejhom l-ħofra kbira li kien hemm fit-triq u filfatt annettiet ritratt tagħha mmarkat bħala Dok A.

c. **<u>Marc Bianco</u>**[18] u **<u>Matthew Bianco</u>**[19], aħwa subien u lkoll tfal tar-rikorrenti, irrepetew dak li xehdet fuqu oħthom Francesca Bianco.

d. **<u>Anna Grech</u>**[20], ħabiba tar-rikorrenti, qalet illi ilha ħbieb magħha għal xi 60 sena. Hija kkonfermat dak li xehdet fuqu r-rikorrenti u qalet li għandha memorja dettaljata ħafna ta’ dak li kienet għaddiet minnu r-rikorrenti. Qalet illi mill-ġurnata tal-inċident 'I hawn Marie Josette Bianco għamlet żewġ operazzjonijiet, waħda fil-21 ta' Jannar tas-sena 2020, u ċioe fid-data li seħħ l-inċident u operazzjoni oħra fit-3 ta' Marzu tas-sena 2020 b’kawża diretta tal-inċident. Dan kellu numru ta' implikazzjonijiet fuq ir-rikorrenti li fost affarijiet oħra ma setgħetx tnaddaf id-dar u ġġorr ix-xirjiet. Marie Josette ma setgħet lanqas issuq għal xi erbgħa xhur u kull meta kellha bżonn tmur

---

[17] Fol 96-98
[18] Fol 99-101
[19] Fol 102-103
[20] Fol 108

x'imkien kellu jwassalha xi ħadd. Ix-xhud stess qalet li kemm-il darba kienet wasslitha fejn kellha bżonn tmur inkluż għal sessjonijiet tal-fiżjoterapista.

9. Mal-istess nota tal-24 ta' April 2023 ir-rikorrenti ppreżentat ukoll ir-rapport tal-Pulizija[21]u kopja ta' noti li ttieħdu mill-fisjoterapista Nadia German wara s-sessjonijiet ta' fisjoterapija li kienu saru[22]. Ir-rapport tal-Pulizija jindika illi:

*"Nhar il-Ġimgħa 17 t'April 2020 għall-ħabta ta' 07.50 hrs irrappurtat ġewwa l-Għassa ta' Marsaskala certa BIANCO, MARIE JOSETTE – ID Card: 0308754M fejn qalet li xtaqet tagħmel rapport dwar meta waqgħet ġewwa Ħal Qormi.*
*Il-kwerelanta qalet li fil-21 ta' Jannar 2020 għall-ħabta ta' 12.30 hrs waqt li kienet għaddejja minn Triq il-Mitħna, Qormi, bil-mixi, kien hemm ħofra fit-triq bil-konsegwenza li waqgħet u ġarrbet ġrieħi fi spallejha. Il-kwerelanta qalet li hi ġiet operatha u kellha wkoll diversi kumplikazzjonijiet ħabba dan l-inċident.*

*Il-kwerelantaaa għandha ċ-ċertifikati flimkien ma x-rays li juru dan, kollha maħruġin minn St. James Hospital.*

*PS 1284 mill-Għassa ta' Ħal Qormi ġie infurmat b'dan ir-rapport.*

*Xejn aktar x'jiġi rrapurtat"*

10. Fl-24 ta' April 2023 xehed **<u>Albert Micallef</u>**[23]in rappreżentanza tal-Isptar Saint James:

   a. Ix-xhud ippreżentat kopja identika ta' żewġ fajls in konnessjoni maż-żewġ interventi li kienu saru minn Mr. John Casaletto fuq ir-rikorrenti fis-sena 2020. Dawn ġew immarkati bħala Dok AM1[24] u Dok AM2[25].

11. Fil-5 ta' Ġunju 2023 ġie ppreżentat l-affidavit ta' **<u>Joseph Bugeja</u>**[26]:

[21] Fol 105-107
[22] Fol 93-95
[23] Fol 109
[24] Fol 110-153
[25] Fol 154-204
[26] Fol 206-207

a. Huwa ddikjara li kien impjegat mal-kumpanija Elektra Limited, li tinsab fi Triq il-Mitħna, Ħal Qormi. Fil-21 ta' Jannar 2020, hu u xi impjegati oħra ġew infurmati li s-Sinjura Bianco kienet waqgħet f'ħofra barra x-showroom tagħhom u li ma setgħetx tqum minħabba l-uġigħ qawwi li bdiet tħoss. Ix-xhud irrakkonta li hu u l-kollegi tiegħu marru immedjatament fuq il-post biex jgħinuha. Tawha ilma u poġġew "cushion" biex tkun ftit inqas skomda, peress li ma setgħetx tqum mill-art. Huwa ċempel l-ambulanza li pero damet biex tiġi. Ix-xhud enfasizza li s-Sinjura Bianco kienet qed tbati minn uġigħ kbir, ma setgħetx tqum jew tissapportja lilha nnifisha u kienet qed twerzaq bl-uġigħ.

b. Ix-xhud irrimarka li huwa seta' jara personalment il-ħofra kbira fit-triq li kkawżat il-waqgħa u huwa kien il-persuna li ħa xi ritratti tal-post. Wieħed minn dawn ir-ritratti ġie anness mal-affidavit tiegħu u mmarkat bħala "Dok A"[27]. Huwa żied li hu u l-kollegi tiegħu baqgħu mas-Sinjura Bianco sakemm waslet l-ambulanza.

12. Fit-30 ta' April 2023 xehdet **<u>Karen Camilleri</u>**[28], segretarja eżekuttiv tal-Kunsill Lokali intimat:

a. Ix-xhud iddikjarat li hija segretarja eżekuttiva u spjegat li ilha f'din il-kariga fil-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi minn Ottubru 2018. Qabel, serviet bħala segretarja eżekuttiva fil-Kunsill Lokali tal-Ħamrun bejn l-2014 u l-2018, sakemm ġiet assenjata lill-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi.

b. Ix-xhud spjegat li, skont il-Kap. 363 tal-Liġijiet ta' Malta, iż-żoni industrijali mhumiex parti mir-responsabbiltà tal-kunsilli lokali. Dwar is-*Central Business District* tal-Imrieħel, hija kkonfermat li l-imsemmija żona taqa' parzjalment fil-konfini ta' Birkirkara u parzjalment fil-konfini ta' Ħal Qormi. Madankollu, iż-żona ma taqax taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi jew ta' Birkirkara, peress li hija meqjusa bħala żona industrijali u taqa' taħt is-*Central Business District*.

---

[27] Fol 207 – Dan huwa l-istess ritratt li ġie esebit mal-*affidavits* ta' Francesca Bianco, Marc Bianco u Matthew Bianco.
[28] Fol 208A-209

c. Dwar Triq il-Mitħna f'Ħal Qormi, fejn allegatament seħħ l-inċident, ix-xhud spjegat li din it-triq tibda minn Triq il-Belt Valletta u tkompli sa Triq il-Kanun, Santa Venera. Ir-responsabbiltà tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi hija sa fejn illum hemm *Pinto Business Centre*, jiġifieri sa Triq is-Sebħ. Hija żiedet li minn Triq is-Sebħ sa Triq il-Kanun, din it-triq taqa' taħt is-*Central Business District*, skont il-*local plan* tal-Awtorita' tal-Ippjanar, u għalhekk ma taqax taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill Lokali.

d. Mistoqsija speċifikament dwar il-post quddiem Elektra u Vodafone, ix-xhud qalet li din hija parti mis-*Central Business District* u għalhekk mhux taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill Lokali. Ix-xhud irrimarkat li l-ewwel darba li saret taf dwar l-inċident kien meta rċevew korrispondenza legali, li mbagħad għaddietha lill-avukat tal-Kunsill.

e. Ix-xhud esebiet kopja tal-*local plan* li turi t-toroq taħt ir-responsabbiltà tas-*Central Business District*[29]. Din ġiet meħuda mill-*geoserver* tal-Planning Authority. Hija kkonfermat li din iż-żona hija mmarkata bir-roża fuq il-*local plan* u Triq il-Mitħna hija parti minnha.

13. Fl-4 ta' Diċembru 2023 xehed **<u>Eman Schembri</u>**[30], in rappreżentanza tas-*Central Business District Foundation:*

a. Huwa intalab biex xehed dwar Triq il-Mitħna, Ħal Qormi, speċifikament dwar jekk din taqax fis-*Central Business District* u dwar ir-responsabbiltajiet tal-fondazzjoni *Central Business District* fir-rigward tat-toroq li jaqgħu fiż-żona tagħha.

b. Ix-xhud ikkonferma li t-triq taqa' fis-*Central Business District* skont il-perimetru u d-dettalji elenkati fil-Gazzetta tal-Gvern tal-11 ta' Ġunju 2019. Huwa esebixxa kopja ta' estratt mill-Gazzetta u mmarkah bħala Dok CB1.[31]

c. Spjega li s-*Central Business District Foundation* inħolqot fl-2016, filwaqt li ż-żona nfusha tas-*Central Business District* inħolqot fl-2019. Il-fondazzjoni hija

---

[29] Fol 209
[30] Fol 218A-220
[31] Fol 220

entità pubblika-privata u ma għandhiex poteri eżekuttivi fuq it-toroq, iżda taħdem bħala koordinatur biex tiffaċilita xogħlijiet u biex tnaqqas l-inkonvenjent għall-pubbliku. Il-fondazzjoni tista' toħroġ permessi temporanji, bħal dawk għal skip jew scaffolding, f'isem il-Kunsilli Lokali. Madankollu, il-fondi miġbura minn dawn il-permessi jiġu mgħoddija lill-kunsill lokali rispettiv.

d. Ix-xhud enfasizza li kwalunkwe xogħol ta' manutenzjoni fit-toroq ma jsirx direttament mill-fondazzjoni iżda minn entitajiet oħra, bħal Infrastructure Malta, Transport Malta, jew Enemalta.

e. Qal li l-fondazzjoni hija ffinanzjata minn donazzjonijiet mill-privat u mill-Gvern li jirdoppja d-dħul mill-privat. Dawn il-fondi jintużaw għal diversi skopijiet, inkluż il-pagi tal-ħaddiema, il-ħolqien ta' sinjali, u xogħlijiet relatati mad-dawl, iżda mhux għal xogħolijiet estensivi ta' manutenzjoni tat-toroq.

f. Ix-xhud saħaq li l-fondazzjoni taħdem biss bħala intermedjarju u ma għandhiex awtonomija biex tiddeċiedi dwar xogħlijiet jew biex tmantni toroq mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-entitajiet kompetenti.

g. Fi tmiem ix-xhieda tiegħu, ix-xhud afferma li, minkejja li Triq il-Mitħna, Ħal Qormi, taqa' fiż-żona tas- *Central Business District*, ir-responsabbiltà operattiva u eżekuttiva fuq it-toroq tibqa' f'idejn awtoritajiet oħra bħall-kunsilli lokali u entitajiet infrastrutturali.

14. Fl-4 ta' Diċembru 2023 ukoll xehed **Ian Galea**[32], in rappreżentanza tal-Awtorita' tal-Ippjanar:

a. Huwa ppreżenta kopja tal-*policies* relatati mal-*Qormi Area Local Plan*, li tinkludi l-pjanti u l-policies relatati flimkien mal-emendi, li ġew immarkati bħala DOK IG1[33] u DOK IG2[34].

---

[32] Fol 220-240
[33] Fol 221-230
[34] Fol 231-237

b. Qal li ż-żona in kwistjoni qegħda mmarkata bħala *"Mixed-Use Area without Residential Units".* Qal li din iż-żona hija kklassifikata għal ċerti użu, bħal ma huma ħwienet, showrooms, supermarkets, uffiċini, postijiet ta' ikel u xorb, kif ukoll ċertu *light industries*, sakemm l-iżvilupp tagħhom ma jikkawżax impatti mhux mixtieqa. Dok IG2 juri emenda li daħħlet fis-seħħ fit-13 ta' Marzu 2009 inkluż dwar il-Policy QO04 (*Mixed-Use Areas)* u l-Kategorija Ċ (*Mixed-Use Areas without Residential Units*).

c. Qal li skond il-pjanti u mappa in kwistjoni, Triq il-Mitħna, Ħal Qormi, inkluż il-post fejn sar l-inċident, taqa' taħt *Mixed-Use Area Without Residential-Units* li hija żona industrijali. hija koperta mill-emendi relatati, u hija mmarkata bil-kulur aħmar fuq il-mapep.

15. Fit-12 ta' Frar 2024 ġie ppreżentat l-affidavit ta' **<u>Brian Miguel Farrugia</u>**[35] in rappreżentanza tal-Awtorita' għat-Trasport f'Malta:

a. Huwa ddikjara li jokkupa l-kariga ta' Direttur fl-Awtorità għat-Trasport f'Malta u li ilu f'din il-kariga għal erba' snin.

b. Spjega li fiż-żmien meta seħħ l-inċident, Triq il-Mitħna, Ħal Qormi, ma kinitx taħt ir-responsabbiltà tal-Awtorità għat-Trasport. Ir-Regolamenti tal-2010, li kienu jiddeterminaw it-toroq li għalihom kienet responsabbli l-Awtorità, ġew imħassra fl-4 ta' Settembru 2018 permezz tal-Avviż Legali 291 tal-2018.

c. Minn dak iż-żmien, iż-żamma tat-toroq saret funzjoni tal-Aġenzija għall-Infrastruttura Malta, skont l-Att XXVIII tal-2018.

d. L-Artikolu 5(1)(c) u Artikolu 27 tal-Att XXVIII tal-2018 jindikaw li r-responsabbiltajiet tal-manutenzjoni tat-toroq ġew trasferiti lill-Aġenzija għall-Infrastruttura Malta. Skont Artikolu 26 tal-istess Att, azzjonijiet għal danni jew korrimenti li jirriżultaw minn nuqqas fil-manutenzjoni ta' triq għandhom jiġu indirizzati kontra l-Aġenzija għall-Infrastruttura Malta.

---

[35] Fol 242-255

e. Ix-xhud semma u esebixxa diversi dokumenti li jikkonfermaw il-pożizzjoni tiegħu, inkluż:

    i. Ir-Regolamenti relatati (Dok. A u B).
    ii. L-Avviżi Legali li trasferixxew ir-responsabbiltà tat-toroq (Dok. C u D).
    iii. Artikolu 26 tal-Att XXVIII tal-2018 (Dok. E).
    iv. Estratti mid-dibattiti politiċi li juru l-iskop tat-trasferiment tar-responsabbiltajiet (Dok. F).
    v. Ittra legali mibgħuta lir-parti rikorrenti datata s-16 ta' Diċembru 2021 (Dok. G) b'risposta għall-ittra tagħha datata 2 ta' Diċembru 2021.

f. Ix-xhud reġà sostna illi l-Awtorità għat-Trasport ma baqgħetx responsabbli għall-manutenzjoni tat-toroq wara l-4 ta' Settembru 2018. Għaldaqstant, hija mhijiex leġittimu kontradittur f'din il-kawża u ma tista' tiġi attribwita lilha ebda responsabbiltà għad-danni li sofriet ir-rikorrenti. Il-manutenzjoni ta' Triq il-Mitħna, Ħal Qormi, kienet taħt ir-responsabbiltà tal-Aġenzija għall-Infrastruttura Malta fiż-żmien meta seħħ l-inċident.

16. Fit-8 ta' April 2024 xehdet **<u>Dr. Erika Grech</u>**[36] in rappreżentanza ta' Infrastructure Malta:

    a. Hija qalet li taħdem bħala *Senior Manager* fil-Legal Office ta' Infrastructure Malta.

    b. Spjegat li Triq il-Mitħna, Ħal Qormi, ma kienitx waħda mit-toroq li kienu taħt ir-responsabbiltà ta' Infrastructure Malta fil-21 ta' Jannar 2020. Skont lista datata 3 ta' Jannar 2017 maħruġa minn Transport Malta, li kienet għadha valida fl-2020, it-toroq li jaqgħu taħt Infrastructure Malta kienu dawk klassifikati arterjali u distributorji, bħal Vjal ir-Royal Malta Artillery, Triq is-Sebħ, Triq Manuel Dimech, Triq l-Imdina, Triq Ħal Qormi, Triq Guze Duca, u Triq Ħal Luqa. Toroq oħra, hekk imsejjħa residenzjali, jaqgħu taħt il-Kunsilli Lokali u m'humiex fuq il-lista. F'dan ir-rigward ippreżentat dokument immarkat bħala Dok EG1[37].

---

[36] Fol 260A-260C
[37] Fol 261-264

c. Ix-xhud qalet li l-lista oriġinali ġiet aġġornata biex tinkludi flyovers u toroq ġodda.

d. It-toroq li mhumiex f'din il-lista jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Kunsilli Lokali jew taħt kategorija minuri oħra bħal toroq industrijali (INDIS).

e. Ikkonfermat li fl-2018, bl-Att li stabbilixxa Infrastructure Malta (Kap. 588), it-toroq li kienu fuq din il-lista ġew trasferiti mir-responsabbiltà tat-Transport Malta (TM) għal Infrastructure Malta (IM). Minn dak iż-żmien, Transport Malta ma baqgħetx responsabbli mill-manutenzjoni ta' toroq f'din il-lista, u kull triq inkluża fil-lista issa hija taħt Infrastructure Malta.

**Kunsiderazzjoni: Korrezzjonijiet fl-okkju**

17. Qabel xejn il-Qorti tinnota illi isem l-Aġenzija intimata kif fl-okkju ta' dawn il-proċeduri, hekk kif imniżżel fir-rikors promotur li huwa l-att ġudizzjarju li welled u ta lok għall-proċediment, jaqra "*Infrastructure Malta*". Huwa minnu li kienet din il-Qorti stess illi għall-finijiet ta' prattiċità indikat fl-ewwel paragrafu ta' din is-sentenza illi l-Aġenzija sejra tiġi riferuta ukoll bħala "Infrastructure Malta" fil-korp ta' din l-istess sentenza, iżda l-okkju għandu jirrifletti l-isem korrett u eżatt tal-entità illi kontriha *inter alia* nfetħet il-kawża. Skond l-Att XXVIII tal-2018 (Kap. 588) li waqqaf l-Aġenzija intimata fl-4 ta' Settembru 2018, l-istess Aġenzija jisimha "*Aġenzija għal Infrastruttura Malta*". Ħadd mill-partijiet formalment ma talab korrezzjoni f'dan is-sens matul il-proċediment. Madanakollu l-Qorti tista' *ex-officio* tordna li ssir tali korrezzjoni ai termini tal-Art. 175(3) tal-Kap. 12 u filfatt hija sejra tagħmel hekk *marte proprio.* Għalhekk il-Qorti qegħda *ex-officio* tordna l-korrezzjoni tal-okkju fis-sens illi isem l-Aġenzija intimata għandu jinqara bħala "l-Aġenzija għal Infrastruttura Malta".

18. Fir-rigward ta' isem l-Awtorita' intimata, fir-rikors promotur din ġiet indikata bħala "l-Awtorita' għat-Trasport f'Malta (Transport Malta)". L-ewwel eċċezzjoni tagħha filfatt hija fis-sens illi n-nomenklatura tal-Awtorita' hija "L-Awtorita' għat-Trasport f'Malta" u li "*r-rikorrenti għandha tgħaddi sabiex tirregola ruħha dwar l-istess sabiex I-okkju u kull fejn tissemma I-istess Awtorita' tkun indirizzata bit-titolu kif suppost*". Il-Qorti tqis illi huwa minnu li l-Awtorita' intimata għandha l-isem "L-Awtorita' għat-Trasport f'Malta" skond il-Kap. 499 tal-Liġijiet ta' Malta. Peress illi l-ebda parti ma

talbet korrezzjoni (lanqas l-Awtorita' intimata peress li kull m'għamlet hija li talbet lir-rikorrenti tirregola ruħha), għal darb' oħra il-Qorti qegħda *ex-officio* tordna l-korrezzjoni tal-okkju sabiex l-isem jiġi jaqra kif appena indikat.

19. Billi l-ewwel eċċezzjoni tal-istess Awtorita' intimata issa hija sorvolata l-Qorti sejra tastjeni milli tkompli tieħu konjizzjoni tagħha.

**Kunsiderazzjoni: il-liġi u l-ġurisprudenza**

20. L-artikoli tal-liġi li huma applikabbli għall-każ li għandha quddiema l-Qorti huma dawk li jirrigwardaw id-delitti u l-kważi-delitti li jinsabu fl-Artikolu 1029 et. seq. tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16) fosthom:

> **'1029. Kull ħsara li tiġri b'aċċident jew b'forza maġġuri, ibatiha, fin-nuqqas ta' dispożizzjoni espressa tal-liġi li tgħid il-kuntrarju, dak illi fuq il-persuna jew il-beni tiegħu tiġri l-ħsara.**
>
> **1031. Iżda, kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu.**
>
> **1032. (1) Jitqies fi ħtija kull min bl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja.**
>
> **1033. Kull min, bil-ħsieb jew mingħajr ħsieb li jagħmel deni, għax ikun irid jew b'nuqqas ta' diliġenza, ta' prudenza jew ta' ħsieb, jagħmel jew <u>jonqos li jagħmel xi ħaġa li biha jikser xi dmir impost mil-liġi</u>, hu obbligat għall-ħlas tal-ħsara li tiġri minħabba f'hekk.**
>
> **1045. (1) Il-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id-dispożizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-għemil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, u t-telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-għemil seta' jġib ...'**

21. Fuq din il-materja fil-ġurisprudenza nostrana intqal illi:

- **<u>Michael D'Amato noe et. v. Filomena Spiteri et.</u>** (PA, Ċit Nru 886/1993/2 PS, 03/10/2003):

"L-Artikolu 1031 tal-Kodici Civili jippreciza li 'kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu'. Din in-norma tal-ligi fil-kamp tar-**responsabilita` akwiljana** jew extra-kontrattwali tikkostitwixxi l-punt kardinali in subjecta materia, u tennuncja l-principju in virtu ta' liema l-lezjoni kagjonata lis-suggett tobbliga lill-awtur tal-lezjoni li jirrizarcixxi l-konsegwenzi negattivi, ossija d-danni, kompjuti bl-att tieghu. Issa kif saput, il-fonti primarju tar-responsabilita` civili hi ravvizata fl-imgieba imputabbli ghal dolo jew kulpa. Il-ligi civili taghna ma tiddefinixix il-kolpa civili fl-ghemil izda taghmlu jikkonsisti fin-**nuqqas ta' prudenza, nuqqas ta' diliġenza u nuqqas ta' hsieb tal-bonus paterfamilias** [Artikolu 1032 (1), Kodici Civili]..."

- **L-Avukat Dr. Louis Cassar Pullicino noe. v. Angelo Xuereb noe. et** (03.07.2003, Ċit Nru. 1264/1991/TM):

"ir-responsabbilita' ghad-danni tista' tkun wahda minn zewg tipi – (i) dik maghrufa bhala responsabbilita' contrattuale u (ii) dik maghrufa bhala responsabbilita' extra contrattuale jew aquiliana...**Fil-kaz ta' azzjoni ghad-danni nascenti mir-responsabbilita' contrattuale** l-attur ghandu jipprova li huwa kellu favur tieghu dik l-obbligazzjoni kuntrattwali u li l-konvenut kien inadempjenti fl-esekuzzjoni ta' dik l-obbligazzjoni fil-konfront ta' l-istess attur. F'din it-tip ta' azzjoni huwa **l-konvenut li ghandu oneru ta' prova iktar difficli impost fuqu**, stante li l-konvenut ghandu jiggustifika l-inadempjenza kontrattwali tieghu u jipprova li tali inadempjenza se mai rrizultat minhabba fattur fuq liema ma kellux kontroll...
... **Fil-kaz ta' azzjoni ghad-danni nascenti mir-responsabbilita' extra-contrattuale huwa l-attur li ghandu oneru ta' prova iktar difficli impost fuqu** ghaliex f'tali kaz huwa jrid jipprova n-nexus bejn l-agir tal-konvenut u d-dannu minnu soffert. Ir-responsabbilita' ghad-danni tirrizulta mir-rabta guridika jew nuqqas taghha, u dana skond il-kaz, li hemm bejn il-partijiet kontendenti. Torrente jaghti ezempju car sabiex ikun jista' jaghraf id-distinzjoni bejn rabta kontrattwali li taghti lok ghar-responsabbilita' contrattuale u n-nuqqas ta' rabta kontrattwali li taghti lok ghar-responsabbilita' extra contrattuale.

"Se io viaggio in tram, e, quindi, ho concluso un contratto di trasporto, e mi ferisco in un incidente, e' sufficente che io provi di essermi trovato nel tram e di essere stato ferito. Se, invece, mentre passo per la strada, sono investito dal tram, ho l'onere di provare non soltanto l'incidente, ma anche il dolo o la colpa del vettore o dei suoi agenti". (Torrente & Schlesinger "Manuale Di Diritto Privato", para. 394 pg 639)"

- **Mary Vassallo v. Giovanni Mizzi et.** (PA, Imħallef A. V. Camilleri, 09.04.1949, Vol. XXXIII.II.379) intqal illi:

"il-htija meta tigi kkunsidrata fl-entita' taghha, hija wahda; u taht dan l-aspett ma hemmx distinzjoni bejn kolpa kontrattwali u dik komunement imsejha aquiliana, li titnissel minn delitt jew kwazi delitt. Id-**<u>differenza bejniethom tinsab fil-kawza u fil-grad</u>**. In kwantu ghall-kawza, il-htija kontrattwali tippresupponi obbligazzjoni pre-ezistenti li maghha hija marbuta; mentri l-htija aquiliana tippresupponi fatt li minnu titnissel ex nunc. In kwantu ghall-grad id-differenza hija riposta fl-estensjoni tar-responsabbilita' fis-sens illi **<u>fil-kolpa kontrattwali wiehed jista' jirrispondi ta' htija hafifa skond il-kaz, mentri fil-kolpa aquiliana r-responsabbilita' testendi ruhha b'mod li dwarha ma hemmx grad</u>**."

- **<u>Pamela Fears v. Leo Grech et.</u>** (PA, Rik. Nru. 480/11GM, 08/10/2019):

"'**Differenzi bejn l-illeċitu akwiljan u l-illeċitu kuntrattwali.**... Illi skont l-imħallef Caruana Curran « *l-colpa aquiliana tirrikorri meta d-dannu jigi kaġonat f'rapport extrakuntrattwali, cioe` tillimita ruħha għal fatt tal-bniedem bħala ksur tad-dover ta' protezzjoni jew ta' dover ġenerali tan-neminem laedere kombinat man-negliġenza taħt l-art. 1075, 1076 tal-Kodici mentri l-colpa jew responsabbilta` kuntrattwali tirrisali għal kuntratt u hija fondata fuq il-vjolazzjoni tad-dover tal-prestazzjoni li l-obbligat għandu favur il-parti l-oħra »* [38]

Illi skont **Castronovo**[39] "*mentre nel torto extracontrattuale la colpa e` elemento costitutivo della responsabilita` e cioe` di un'obbligazione risarcitoria tra due soggetti fino ad allora irrelati, nella responsabilita` contrattuale il vinculum iuris esistendo gia`, la colpa non puo` esplicare quella funzione costitutiva di un'obbligazione che invece le e` propria nella responsabilita` aquiliana. In pari tempo nella responsabilita` contrattuale e` l'obbligazione medesima che, in quanto si traduce nella necessita` giuridica dell'adempimento, da` vita a` responsabilita` per il fatto stesso della sua mancata attuazione, talche` solo l'impossibilita` di adempiere esclude la responsabilita` ma nel momento stesso in cui e per la ragione che estingue l'obbligazione (art. 1256 c.c.)*";

Illi skont dottrina maġġoritarja fl-Italja, id-differenza ewlenija bejn iż-żewġ tipi ta' illeċitu tinstab fix-**xorta u piż tal-prova**: "*diverso e` infatti il contenuto della prova che spetta al danneggiato, il quale in caso di inadempimento dell'obbligazione (contrattuale) deve provare soltanto tale inadempimento, spettando poi al danneggiante la prova liberatoria sulla responsabilita`; mentre*

[38] Gaetano Spiteri v Thomas Castle 18.08.1965 Prim'Awla sedenti l-Imħallef M. Caruana Curran - XLIX.ii.1027
[39] Carlo Castronovo, La Nuova Responsabilita` Civile, 3a ed. , 2006, paġna 456

*nella responsabilita` aquiliana, il danneggiato deve provare non solo il fatto dannoso, ma anche la responsabilita` del danneggiante*[40]";

Illi fi kliem il-**Bianca**: "*Come la prova degli altri elementi constitutivi dell'illecito, la prova della colpa e` a carico del danneggiato. In cio` si riscontra una delle piu` vistose differenze della responsabilita` extracontrattuale rispetto a quella contrattuale, dove e` il debitore che ha l'onere di provare la sua mancanza di colpa*[41] *... Per quanto si attiene al contenuto della prova liberatoria incombente in generale sul debitore inadempiente, va rilevato che a quest'ultimo* ***non e` sufficiente dare una prova generica delle proprie capacita` o della idoneita` della propria organizzazione o dei mezzi predisposti per l'adempimento****...Occorre piuttosto che egli dia la prova della sua assenza di colpa in relazione alla causa che ha impedito l'adempimento o l'esatto adempimento,* ***che cioe` tale causa era imprevedibile e inevitabile alla stregua della dovuta diligenza*** *... Questa prova implica l'identificazione della specifica causa impeditiva (il fortuito)"*[42]*... Mentre la prova della mancanza di colpa e` a carico del debitore, la prova dell'inadempimento e` a carico del creditore"*[43]

- **<u>Carmelo Farrugia et. v. Victor Conti</u>** (PA, Ċit Nru 1060/1995/2 TM, 09/10/2003):

  "Intqal diversi drabi li biex tirrizulta responsabbilita' ghall-hsara, irid ikun hemm **<u>ness ta' kawza u effett</u>**, u dan in-ness irid jigi pruvat mill-vittma tal-hsara".

- **<u>Margaret Camilleri et. v. The Cargo Handling Co. Ltd</u>** (PA, Ċit Nru 1560/1995/1 PS, 13/10/2004):

  "Il-**<u>prova tad-dannu tispetta lil min jallega li sofrih</u>**. Jinkombi ghalhekk lill-atturi f' dan l-kaz li jaghtu prova ta' l-effettiva ezistenza tad-dannu"

- **<u>Marco Buttigieg et. v. Rose Cini</u>** (Qorti tal-Appell Inferjuri, App 21/1999/1 PS, 17/11/2004):

  "Tibqa' dejjem, fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, regola sana illi f' materja ta' rizarciment ta' danni, id-danneggjat ghandu jkollu d-dritt jikkonsegwixxi rizarciment effettiv li jirrientegra l-

---

[40] Enciclopedia Forense
[41] C. Massimo Bianca, Diritto Civile Vol 5 **La Responsabilita`** para. 253: seconda edizione 2012
[42] op.cit, para. 27
[43] op.cit. para. 28

patrimonju tieghu minn kull konsegwenza ekonomika ta' l-event dannuz. Li jfisser li dan l-istess rizarciment jista' jikkonsisti f'somma li tekwipara l-valur ta' l-utilitjiet mitlufa"

- **<u>Sylvia Degiorgio et. v. Massimiliano Da Crema</u>** (PA, Ċit Nru 1560/1995/1 PS, 13/10/2004):

  "Issa hu principju gwida regolanti materja ta' rizarciment ta' danni illi min isofri dannu ghandu jigi re-integrat f' dak li jkun tilef b' konsegwenza ta' l-event dannuz u mhux dak li jiehu vantagg meta dan ikun indebitu jew mhux misthoqq"

- **<u>Percius Car Hire Limited v. Richard Schembri</u>** (Qorti tal-Appell Inferjuri, App Nru 616/2001/1 PS, 20/10/2003):

  "... di regola d-danneggjat ghandu d-dover li jaghmel dak kollu li hu ragjonevoli biex inaqqas il-hsara konsegwenti ghall-fatt illecitu [Vol.XL.II.653] b' mod li jigi eskluz fil-kazijiet kongruwi, mir-risarciment ta' dik il-parti tad-danni dovuta ghan-nuqqas tieghu li jiehu dawk il-passi. Jibqa' pero' dejjem il-fatt illi huwa ma huwiex obbligat jitghabba b' pizijiet biex inaqqas il-hsara")

- **<u>Joseph Aquilina v. Emmanuele Schembri</u>** (App. Ċiv. 24/01/1969)

  "...il-kwistjoni ta' x' inhu ragjonevoli li jaghmel id-danneggjat biex jimmitiga l-hsara hi kwistjoni ta' fatt li ghandha tigi konsiderata fic-cirkostanzi ta' kull kaz partikolari, u l-oneru tal-prova f' dan ir-rigward specifiku jaqa' fuq il-konvenut"

- **<u>Neil Cassar et. v Onor. Ministru tal-Ambjent et</u>** (PA, Rik. 2919/1996/1 PS, 17/03/2004):

  "... **<u>Kwantu ghal kura medika gie ritenut fuq l-istregwa tad-decizjoni illi din hija rimessa ghal fiducja personali tal-pazjent</u>**. Gustament gie osservat illi "ghall-sahhtu kulhadd ghandu dritt li jikkonsulta aktar minn tabib wiehed lokali jew esteru ... u ghalhekk ghandu dritt jirriklama bhala danni anke spejjez li jkun ghamel biex jikkura ruhu barra minn Malta"

22. Fil-*Halsbury's Laws of England* intqal illi:

"The guiding principle of law in mitigation of losses is as follows. It is the duty of the plaintiff to take all reasonable steps to mitigate the loss he has sustained consequent upon the wrongful act in respect of which he sues, and he cannot claim as damages any sum which is due to his own neglect. The duty arises immediately a plaintiff realises that an interest of his has been injured

by a breach of contract or a tort, and he is then bound to act, as best he may, not only in his own interests, but also in those of the defendant. He is, however, under no obligation to injure himself, his character, his business, or his property, to reduce the damages payable by the wrongdoer. He need not spend money to enable him minimize the damages, or embark on dubious litigation. The question what is reasonable for a plaintiff to do in mitigation of his damages is not a question of law, but one of fact in the circumstances of each particular case, the burden of proof being upon the defendant."[44]

23. Fis-sentenza fl-ismijiet **Edgar Borg et. v. Alexia Eminyan** (PA, 13/06/2013, Ċit Nru 736/2004 LSO) intqal is-segwenti rigward il-figura tal-*bonus paterfamilias*:

"Din il-figura tal-bonus paterfamilias giet elaborata mill-Qrati taghna f'diversi sentenzi. Fil-kawza fl-ismijiet "**Giuseppe Spiteri vs Alexander Camilleri** "deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-9 ta' April 1937 [Vol. XXIX.i.937] gie ssottolinejat:- *"Mill-banda l-ohra huwa assodat fid-dottrina u accettat fil-ligi taghna illi d-diligenza li hija necessarja fil-materja tad-danni li jkunu gejjin mid-delitti jew kwazi hija dik tal-persuna medja, cjoe' d-diligenza ordinarja; 'la media del dovere non e' la previdenza della quale e' capace un dato individuo, ma e' quella commune di un uomo prudente"*(**Cogliolo –** "Colpa Aquiliana", Scritti vari Vol. I, pag. 202).

Il**-Pollock** ("Law of Torts", page 357) jistabbilixxi l-istess principju fid-Dritt Ingliz:- *"We have to assume that the standard of duty is not the foresight and caution which this or that particular man is capable of, but* ***the foresight and caution of a prudent man****".*

Ghal dak li jikkoncerna min mill-partijiet irid jaghti prova, issir riferenza ghall-kawza fl-ismijiet "**Ingegnere Frank Calafato vs Carmelo Grech" -** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-23 ta' Novembru 1921 [Vol. XXIV.i.894], fejn intqal:- *"Attessocche' contrariamente a quanto sembra aver ritenuto la prima Corte, quando in un giudizio di risarcimento di danni l'attore allega d'aver sofferto il danno di culi reclama la rifazione, per colpa del convenuto, egli e' nell'obbligo di provare un fatto od una omissione che porti insita la prova della colpa che egli imputa al convenuto medesimo*".

F'dan is-sens ukoll ara s-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza "**L-Avukat Dottor Louis Cassar Pullicino vs Angelo Xuereb noe et "**[Citaz. Nru:1264/99TM] deciza fit-3 ta' Lulju 2003.

[44] Halsbury H. S. G. (1955). Halsbury's Laws of England (3rd ed.) Vol. 11 page 289

> Inoltre kif tajjeb intqal fil-kawza fl-ismijiet "**Antonio Vella vs Emanuel Attard"** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-12 ta' Lulju 1976 ir-regola komuni huwa l-principju "*culpae non praesumuntur*".

24. Dwar ir-responsabiltà ta' entitajiet pubbliċi li lilhom tkun ġiet affidata ċertu mansjoni intqal is-segwenti fis-sentenza **<u>Hugh P Zammit noe v. Id-Direttur Tat-Toroq et</u>** (App. Inf. 609/1998/1 PS, 23/01/2004):

> "Hu principju konsolidat kemm fid-dottrina kif ukoll f'gurisprudenza affermata, illi l-entitajiet pubblici li lilhom hi affidata certa mansjoni huma, bhal kull cittadin privat, marbuta li josservaw, fil-kors tal-attivitajiet taghhom, il-prudenza, diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja dettata mir-regola fl-Artikolu 1032 (1) tal-Kodici Civili. Regola din ta' korrettezza, bon sens u ta'zvolgiment ghaqli f'kull parti tal-operat, kemm jekk si tratta minn ezekuzzjoni ta' xoghlijiet, manutenzjoni ta' opri pubblici, vigilanza u kontroll. L-enti pubblika li ma tosservax dan titqies fi htija u jkollha allura tissubixxi l-konsegwenzi ta' dak sancit fl-Artikolu 1031 tal-Kodici Civili."

Hekk ukoll fis-sentenza **<u>Martin Bonello Cole v. Kummissarju tal-Pulizija et.</u>** (PA, Ċit 1210/1993/1 PS, 03/10/2003) ingħad li:

> "Kien jinkombi b' dover fuq l-awtorita` pubblika, u dan ighodd ukoll ghall-enti pubblika, responsabbli minn certi xoghlijiet, illi tassikura li l-uzu tat-triq u l-flow of traffic jigu zvolti minghajr perikoli jew insidji. Dan bl-operat ta' dawk il-mizuri prekawzjonali li jharsu l-inkolumita` ta' l-utenti jew tal-pedestrians li jkun qed jaghmlu uzu mit-triq. Hekk per ezempju billi tipprovdi guardrails, barriers u senjalazzjonijiet ohra adegwati. L-istess awtorita` jew enti pubblika ghandha wkoll id-dover li thares, b' indukrar sufficcjenti, illi fl-ezekuzzjoni ta' xoghlijiet stradali kuntratturi inkarigati jkunu qeghdin huma wkoll jiehdu l-mizuri protettivi ghall-ahjar harsien tat-terzi.Jekk l-awtorita` jew enti pubblika tonqos f' dan tista', u ghandha, issib ruhha rinfaccjata minn domanda ghar-rizarciment tad-danni.
>
> Ir-responsabilita` ta' l-amministrazzjoni pubblika hi materja f' evoluzzjoni, tista' tghid, kontinwa. Tali zvilupp wassal biex jigi ritenut illi l-amministrazzjoni pubblika hi wkoll, bhal kull individwu jew korp, tenuta li tosserva l-principju "neminem laedere". Tali principju hu issa estiz kemm fil-kaz ta' ezekuzzjoni jew manutenzjoni ta' xoghlijiet pubblici kif ukoll in rapport ta' vigilanza jew ta' kontroll in generali ta' l-attivita` pubblika. F' din il-gurisprudenza gie affermat illi l-awtorita` jew enti pubblika tista' twiegeb ghall-htija akwiljana."

## Kunsiderazzjoni: ġenerali

25. Fil-każ in eżami hija l-fehma tar-rikorrent illi l-inċident seħħ billi l-intimati jew min minnhom naqsu mid-dmir tagħhom illi jassiguraw li ma jkun hemm ebda periklu għal

min jagħmel użu tat-triq u dan billi ħallew ħofra fit-triq mingħajr ma kien hemm avviż jew miżura oħra ta' sigurtà.

26. Il-kompitu tar-rikorrenti f'din il-kawża għalhekk kien illi tipprova illi l-intimati jew min minnhom:

    i. kellhom **<u>dmir</u>** impost fuqhom mill-liġi,
    ii. liema dmir huma **<u>naqsu</u>** minnu,
    iii. naturalment kif ingħad fil-ġurisprudenza fuq ċitata r-rikorrenti imbagħad kellha l-kompitu ukoll li tipprova n-ness ta' kawża u effett bejn dan in-nuqqas u d-danni mġarrba, kif ukoll li tipprova tali danni

**Kunsiderazzjoni: dmir impost mill-liġi u nuqqas ta' relazzjoni ġuridika**

27. Jekk l-ewwel element, ossia l-eżistenza ta' xi dmir legali, ma jirriżultax fil-konfront ta' xi waħda mill-entitajiet intimati, allura ma jkun hemm l-ebda relazzjoni ġuridika bejnha u bejn ir-rikorrenti b'mod illi ma tkunx il-leġittimu kontradittur. F'tali każ il-Qorti ma jkollha l-ebda alternattiva ħlief li tilliberaha mill-osservanza tal-ġudizzju.

28. Kif diġà ngħad in-nuqqas ta' relazzjoni ġuridika bejn il-kontendenti hija proprju l-ewwel eċċezzjoni li kull wieħed mill-intimati qajjmet b'mod preliminari f'din il-kawża. Issa għalkemm din il-Qorti tagħraf li tali eċċezzjoni tolqot il-pretensjoni rikorrenti li fuqha hija mibnija l-kawża odjerna, jiġifieri r-relazzjoni ġuridika bejn il-partijiet u għalhekk timmerita li f'din is-sentenza tiġi kkunsidrata qabel kull eċċezzjoni oħra mressqa mill-intimati, fl-istess ħin il-Qorti tqis li tali materja hija marbuta intrinsikament mal-mertu tal-każ. Kien għalhekk illi fil-bidu tal-proċediment il-Qorti qieset li jkun idoneju li titratta din il-kwistjoni flimkien mal-provi fil-mertu u mhux titrattaha separatament b'mod preliminari.

29. Mill-provi ma rriżultax illi fid-data tal-inċident jew xi żmien qabel kien hemm xi xogħolijiet infrastrutturali għaddejjin fil-lok in kwistjoni. Anzi, r-rikorrenti xehdet illi ma kien hemm l-ebda xogħolijiet li kienu qegħdin isiru. Għalhekk id-dmir legali li huwa rilevanti f'dan il-każ huwa d-dmir illi entità responsabbli jista' jkun li għandha taż-żamma u manutenzjoni tat-triq in kwistjoni.

*<u>Kap. 363 - L-Att dwar Gvern Lokali</u>*

30. L-Art. 33 tal-Kap. 363 ('L-Att dwar Gvern Lokali") jipprovdi kif ġej:

**'33.(1) Bla ħsara għas-subartikolu (2) u għad-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra li tkun isseħħ fiż-żmien, il-funzjonijiet ta' kull Kunsill Lokali jkunu:**

**(a) li tipprovdi, fir-rigward ta' kwalunkwe triq, <u>għajr triq li r-responsabbiltà fir-rigward tagħha hija vestita f'Infrastruttura Malta skont it-termini tal-Att tal-2018 dwar l-Aġenzija għal Infrastruttura Malta</u> jew kwalunkwe regolamenti magħmula taħtha, <u>iż-żamma u l-manutenzjoni</u>, jew it-titjib tal-istess, u li tipprovdi u żżomm sinjali stradali u marki stradali adegwati, skont standards nazzjonali u internazzjonali: Iżda l-manutenzjoni relatata ma' kwalunkwe triq imsemmija f'dan il-paragrafu, tinkludi t-tiswija tal-irqajja' u l-kisi mill-ġdid tal-wiċċ tagħha, iżda ma tinkludix ir-rikostruzzjoni tagħha.**
**...**
**(2) Monumenti nazzjonali, parks jew ġonna nazzjonali, <u>estates industrijali</u>, portijiet, ajruporti u territorji nazzjonali oħra, stabbilimenti, bini u <u>ħwejjeġ imniżżla fir-Raba' Skeda</u> ta' dan l-Att għandhom ikunu r-responsabbiltà tal-Gvern, ħlief kif provdut fis-subartikolu (1)(w) jew (x), u huma totalment esklużi mill-kompetenza**

**...**
***'IR-RABA' SKEDA***
***[Artikolu 33]***

***Ħwejjeġ esklużi mir-responsabbiltà ta' Kunsilli Lokali***

***Oqsma Industrjali:***

**Central Business District, Mrieħel Limiti ta' Birkirkara, Ħal Qormi u Santa Venera ...'**

31. Fit-Tieni Skeda tal-istess Kap. 363 hemm elenku tal-lokalitajiet u l-konfini tagħhom inkluż il-lokalita' ta' Ħal Qormi. Fil-verżjoni elettronika tal-liġi, malli wieħed jagħfas fuq l-isem tal-lokalita' toħroġ il-mappa tal-lokalita' liema mappa però hija stampata mingħajr kulur (ħlief għal linja ħamra li tindika t-toroq arterjali u distributorji) u għalhekk ma tantx hija ta' għajnuna sabiex tindika dawk iż-żoni li jaqgħu barra mir-responsabiltà tal-Kunsill (li suppost huma mpinġija bil-kulur aħdar). Il-mappa tal-inqas turi illi l-lok fejn sar l-allegat inċident fi Triq il-Mitħna, Qormi, jaqa' bl-eżatt fil-**<u>konfini</u>** territorjali ta' Ħal Qormi. Il-verżjoni oriġinali tal-liġi kif sussegwentement emendata imbagħad turi illi l-lok in kwistjoni jaqa' f'żona li hija mpinġija bil-kulur

aħdar u dan għaliex hija parti minn żona industrijali magħrufa bħala "Central Business District", xi ħaġa li ħarġet ukoll mill-provi prodotti[45].

*Kap. 588 - L-Att dwar l-Aġenzija għal Infrastruttura Malta*

32. L-Art. 5 tal-Kap. 588 ('L-Att dwar l-Aġenzija għal Infrastruttura Malta") jipprovdi kif ġej:

> **'5.(1) Bla ħsara għal kwalunkwe setgħa jew funzjoni oħra mogħtija lilha b'dan l-Att jew b'xi liġi oħra, għandha tkun il-funzjoni tal-Aġenzija li:**
> **...**
> **(ċ) ... tikkostruwixxi mill-ġdid, issewwi, ... u tirrenova kull triq u ... tieħu ħsieb iż-żamma ... u tirrestawra kwalunkwe triq u timmaniġġa u tikkontrolla kwalunkwe xogħlijiet stradali meħtieġa, twettaq kull tip ta' xogħlijiet ikunu kif ikunu deskritti, inklużi iżda mhux limitatament l-ippjanar u l-ipprogrammar tal-istess u l-ippjanar u l-ipprogrammar tal-bini mill-ġdid u r-restawr ta' kwalunkwe triq ...**
> **...**
> **Iżda fejn il-manutenzjoni ta' kwalunkwe triq lokali taqa', skont il-liġi, taħt ir-responsabbiltà ta' kunsill lokali, il-manutenzjoni ta' dik it-triq m'għandhiex, inkwantu tikkonċerna dik ir-responsabbiltà, tkun il-funzjoni tal-Aġenzija'**

33. Inoltre l-Art. 3(2) tal-Kap. 588 jipprovdi kif ġej:

> **'3 (2) F'dan l-Att, kemm-il darba l-kuntest ma jitlobx xort'oħra, il-frażijiet li ġejjin għandu jkollhom t-tifsira li ġejja ...**
>
> **"triq lokali" tfisser triq li mhix identifikata bħala triq arterjali jew distributorja u li mhix triq privata, u tinkludi kull triq li ġiet klassifikata u identifikata bħala tali mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta, liema klassifikazzjoni u identifikazzjoni tista' tiġi emendata minn żmien għal żmien mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta.'**

34. Imbagħad l-Art. 26 u 27 tal-istess Kap. 588 jipprovdu kif ġej:

[45] Ara fost oħrajn ix-xhieda ta' **Karen Camilleri** a fol 208A-209, **Eman Schembri** a fol 218A-220 u **Ian Galea** a fol 220-240

**'26.(1) F'azzjoni għal korriment jew danni mġarrba minn kwalunkwe persuna jew proprjetà li tirriżulta minn nuqqas fil- manutenzjoni ta' xi triq, dawn l-azzjonijiet għandhom jiġu istitwiti kontra:**

**(i) l-Awtorità għat-Trasport f'Malta fir-rigward ta' kwalunkwe korriment jew danni mġarrba minn kwalunkwe persuna jew proprjetà fiż-żmien meta t-triq rilevanti qabel l-ordni f'artikolu 27 (1) kienet taqa' taħt ir-responsabbiltà tagħha skont il-leġiżlazzjoni applikabbli;**

**(ii) l-Aġenzija fir-rigward ta' kwalunkwe korriment jew danni mġarrba minn kwalunkwe persuna jew proprjetà fiż-żmien meta t-triq rilevanti wara l-ordni fl-artikolu 27(1) tkun taħt ir-responsabbiltà tagħha skont il-leġiżlazzjoni applikabbli; u**

**(iii) kunsill lokali fir-rigward ta' kwalunkwe korriment jew danni mġarrba minn kwalunkwe persuna jew proprjetà fiż-żmien meta t-triq rilevanti tkun taħt ir responsabbiltà tagħha skont il-leġiżlazzjoni u l-ordnijiet fl-artikolu 27(2) u (3) rispettivament skont il-każ applikabbli:**

**Iżda meta triq hija kklassifikata bħala triq lokali skont il-leġiżlazzjoni applikabbli u taqa', fi kwalunkwe miżura, taħt ir-responsabbiltà ta' kunsill lokali skont l-Att dwar Gvern Lokali , ir-responsabbiltà għal dik it-triq lokali m'għandhiex, fil-miżura ta' dik ir-responsabbiltà, tkun il-funzjoni tal-kunsill lokali rispettiv jekk il-ħsarat fiha huma ta' natura straordinarja u għaldaqstant taqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Aġenzija.'**

**27.(1) Il-Ministru għandu, b'ordni fil-Gazzetta, idaħħal fis-seħħ l-artikoli 5 ... u t-Taqsima III ta' dan l-Att u b'hekk jittrasferixxi awtomatikament dawk il-funzjonijiet u setgħat stabbiliti fl-artikoli 5 ... li huma preżentement vestiti fl-Awtorità għat-Trasport f'Malta lill-Aġenzija, skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att. Mid-data li fiha l-funzjonijiet u s-setgħat kif trasferiti mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta lill-Aġenzija jsiru effettivi, l-Awtorità għat-Trasport f'Malta ma għandu jkollha l-ebda oneru ulterjuri jew responsabbiltà għall-qadi jew għat-twettiq ta' dawk il-funzjonijiet jew setgħat.**

**(2) Il-Ministru għandu, b'ordni fil-Gazzetta, u wara li l-artikoli 5 ... u t-Taqsima IV ta' dan l-Att ikunu saru effettivi, jittrasferixxi lill-Aġenzija dawk il-funzjonijiet u s-setgħat fir-rigward ta' toroq li huma vestiti fil-kunsilli lokali taħt l-Att dwar Gvern Lokali, skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att. Il-Ministru jista' jagħmel dan it-trasferiment jew fi skema jew f'sensiela ta' skemi fir-rigward ta' dawk it-toroq li għandhom jiġu identifikati fl-ordni fil-**

**Gazzetta u b'dak il-mod li l-Ministru jqis l-aktar adatt u spedjenti sabiex ikunu jistgħu jintlaħqu aħjar l-għanijiet ta' dan l-Att.**

**Iżda sakemm tiġi trasferita r-responsabbiltà għal triq partikolari lill-Aġenzija, skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, ir-responsabbiltà fir-rigward ta' dik it-triq għandha tibqa' tgħajjat lill- kunsill lokali vestit b'dik ir-responsabbiltà, skont il-leġiżlazzjoni applikabbli.'**

35. Kif sew qal **Brian Farrugia** fl-affidavit tiegħu tat-12 ta' Frar 2024[46], bis-saħħa tal-Avviż Legali 290 tal-2018 il-Ministru konċernat daħħal fis-seħħ id-dispożizzjonijiet kollha tal-Kap. 588 b'effett mill-4 ta' Settembru 2018 biex b'hekk ai termini tal-Art. 27(1) fuq imsemmi, b'effett minn dik id-data, ittrasferixxa awtomatikament dawk il-funzjonijiet u setgħat stabbiliti fl-artikoli 5 ... li kienu vestiti fl-Awtorità għat-Trasport f'Malta lill-Aġenzija intimata.

36. Minn dan kollu jirriżulta illi l-Kunsill Lokali intimat huwa korrett li jgħid illi m'għandu l-ebda responsabiltà għaż-żamma u manutenzjoni tal-lok fejn seħħ l-inċident u dan peress illi għalkemm it-triq m'hijiex waħda arterjali jew distributorja, madanakollu taqa' f'żona illi hija espressament eskluża mill-kompetenza/responsabiltà tagħha ai termini tal-Art. 33(2) u r-Raba' Skeda tal-Kap. 363. Jirriżulta ukoll illi hija skorretta l-Aġenzija intimata li tgħid illi l-lok ma jaqax taħt il-kompetenza u r-responsabiltà tagħha sempliċiment għaliex it-triq m'hijiex fil-lista ta' toroq klassifikati bħala arterjali/distributorji li huma "wirtu" mingħand Transport Malta. L-Art. 5 tal-Kap. 588 huwa ċar biżżejjed illi jirreferi għal **kull triq** bħala suġġetta għall-obbligazzjoni tal-Aġenzija intimata li tieħu ħsieb iż-żamma tagħha u l-unika eċċezzjoni għaliha huma **toroq lokali** peress illi dawn baqgħu taħt ir-responsabiltà tal-Kunsilli Lokali[47]. Kif rajna però t-triq in kwistjoni ma titqiesx triq lokali u għalhekk b'mod ċar taqa' taħt ir-responsabiltà tal-Aġenzija intimata u ai termini tal-Art.26(1)(ii) tal-Kap. 588 l-azzjoni kellha tiġi istitwita kontriha. Dan jibqa' l-każ sakemm tali responsabiltà ma tiġix delegata lilha leġislattivament b'mod espress.

---

[46] Fol 242-255
[47] Anke hawnhekk ir-responsabiltà terġa tiġi spustjata lura lill-Aġenzija intimata skond il-proviso tal-Art. 26(1)(iii) f'każ ta' ħsarat ta' natura straordinarja.

37. Għalhekk il-Qorti tqis illi l-eċċezzjonijiet preliminari ta' nuqqas ta' leġittimu kontradittur min-naħa tal-Kunsill Lokali intimat u l-Awtorita' intimata huma fondati u dawn sejrin jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju.

**Kunsiderazzjoni: jekk l-Aġenzija intimata wettqitx ksur tad-dmir impost mill-liġi**

38. Irid issa jiġi meqjus jekk l-Aġenzija intimata wettqitx xi trasgressjoni tad-dmir illi: *"tikkostruwixxi mill-ġdid, issewwi, ... u tirrenova kull triq u ... tieħu ħsieb iż-żamma"* tal-lok fejn seħħ l-allegat inċident.

39. Minn dak li xehdet ir-rikorrenti u mix-xhieda mressqa minnha, jirriżulta illi l-inċident seħħ meta għal xi raġuni r-rikorrenti waqgħet f'ħofra fonda li kienet eżattament wara l-vettura tagħha li kienet pparkjata fi Triq il-Mitħna, Qormi, ħdejn l-istabbiliment *"Elektra"* faċċata tal-HSBC Head Office. Meta ħarġet mill-vettura tagħha u marret biex iġġib xi ħaġa mill-*boot* tal-karozza hija baqgħet nieżla fil-ħofra u waqgħet. Hija sostniet illi ma kienetx aljenata jew distratta u li ma kienx hemm sinjali tat-triq jew uffiċjali li kienu qed jidderieġu t-traffiku. Meta ġiet mistoqsija mill-Qorti jekk kienetx għaddiet minn fuq il-ħofra inizjalment qabel ma pparkjat il-karozza hija qalet li ma setgħetx tiftakar.

40. Apparti r-rikorrenti, it-tfal tagħha **Francesca Bianco**, **Marc Bianco** u **Matthew Bianco**, li marru fuq il-lok tal-inċident biex jassistu lil ommhom, lkoll xehdu li l-ħofra fejn waqgħet kienet waħda kbira. L-istess għamel impjegat tal-kumpanija Elektra Limited, **Joseph Bugeja**, li inoltre xehed li kien hu li ħa r-ritratt li ġie esebit fil-proċess[48]. Ħarsa lejn dan ir-ritratt turi lir-rikorrenti wara l-vettura, mal-art b'espressjoni ta' uġigħ, b'mara maġenbha u persuna oħra ħdejha li tidher qegħda bil-*mobile* f'idejha. Tidher ukoll parti mill-ħofra, għalkemm l-estent tagħha huwa parzjalment mogħti mir-rikorrenti stess. B'mod ġenerali l-viċinanzi tal-istess ħofra juru li talinqas dik il-parti tat-triq kienet fi stat ħażin ta' manutenzjoni b'konsenturi/xquq pjuttost fondi li jestendu kemm b'mod vertikali kif ukoll b'mod orizzontali.

41. Ir-rikorrenti qalet ukoll fl-*affidavit* tagħha illi l-ħofra tħalliet hemm *"għal ħafna żmien"* wara l-inċident.

---

[48] Fol 207

42. Huwa magħruf illi fl-eżerċizzju ta' għarbiel tal-provi il-Qorti trid iżżomm quddiem għajnejha r-regoli prevalenti f'dan ir-rigward fl-ordinament ġuridiku tagħna. Fis-sentenza fl-ismijiet: **John Bonnici v. Richard Vella** (PA, Rik. Nru. 103/2011 GM, 04/07/2019) intqal illi dawn huma s-segwenti:

"a) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piż tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ġġib il-prova tal-eżistenza tiegħu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bażi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut għas- sostenn tal-fatt miġjub minnu biex jikkontrasta l-pretiża talattur (**reus in excipiendo fit actor**) – Ara Vol. XLVI, P.i, p.5.

b) Fil-kors tal-kawża dan il-piż **jista' joxxilla minn parti għall-oħra**, għax, kif jingħad, 'jista jkun ġie stabbilit fatt li juri prima facie li t-teżi tal-attur hija sostenuta – Ara Vol. XXXVII, P.i, p.577;

ċ) Il-ġudikant adit mill-meritu tal-każ hu tenut jiddeċiedi **iuxta allegata et probata**, u dan jimporta illi d-deċiżjoni tiegħu tiġi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jiġifieri, minn dawk iċ-ċirkustanzi tal-fatti dedotti għabbażi tad-domanda jew tal-eċċezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piż tal-provi ssir bażi tar-regola legali tal-ġudizzju in kwantu timponi fuq il-ġudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru għax mhux ippruvat;

d) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-prinċipju tal-konvinċiment liberu tal-ġudikant. Lilu hu mogħti l-poter diskrezzjonali tal-apprezzament tar-riżultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaża l-konvinċiment tiegħu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji għall-formazzjoni tal-konvinċiment tiegħu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tiegħu hi soġġetta għal dak il-limitu legali impost fuqu mill-artikolu 218 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li jrid li fis-sentenza tingħata motivazzjoni raġonata li tikkonsenti l-kontroll tal-ħsieb loġiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-loġika u r-razzjonalità, kif ukoll koerenti mal-elementi utilizzati allura skont ġurisprudenza konkordi, ma tiġix disturbata minn Qorti ta' reviżjoni"

43. Issir riferenza ukoll għas-sentenza mogħtija fl-ismijiet: **Gaetana Mamo v. Therese sive Tessie Mercieca et.** (Ċit Nru. 1547/1997/1 PS, 26/10/2005) fejn ingħad illi:

"in bazi ghad-dritt probatorju, kull parti ghandha f'kaz bhal dan id-dmir li taghti prova ta' l-ezistenza tal-fatt allegat, favorevoli ghat-tezi taghha. **L-oneru hu distribwit** b'mod li l-attrici trid tipprova l-fatti kostituttivi tad-dritt azzjonat minnha ("**actori incumbit probatio**") mentri l-konvenuti huma tenuti jipprovaw il-fatt minnhom allegat kostitwenti l-kontroprova offerta biex tikkuntrasta il-pretiza ta' l-attrici ("**reus in excipiendo fit actor**"). Ara Kollez. Vol. XLVI P I p 5. Naturalment, il-piz probatorju tal-konvenuti jinsorgi konkretament fil-kaz biss li l-attrici tkun ressqet prova tal-fatti posti bhala bazi tad-domanda taghha. Dan ghaliex in-nuqqas jew insufficjenza tal-prova tac-cirkostanzi dedotti mill-konvenuti biex tikkonfuta l-pretensjoni ta' l-

attrici ma jiddispensax lil din mill-oneru li tiddemostra adegwatament il-legittimita u l-fondatezza tal-meritu tat-talba taghha".

44. Dwar il-grad tal-prova hekk imsejjaħ preponderanza tal-probabiltajiet, issir riferenza ukoll għas-sentenza mogħtija fl-ismijiet: **Joerg Bauerle v. Co-Gaming Limited** (European Small Claims Procedure, Claim no. 5/2017 KCX, 28/11/2017) fejn intqal hekk mit-Tribunal għal Talbiet Żgħar:

> "… The present proceedings are of a civil nature and … the relative standard is that the claimant must prove his claim on 'preponderance of the evidence', also known as 'balance of probabilities'. This standard is met if the proposition is more likely to be true rather than not true…
>
> … From the Tribunal's vantage point, it is rather like a pair of scales – to win the case one needs to tip them a little bit past level. Therefore, if a judge reaches the conclusion that it is fifty per cent (50%) likely that the claimant is in the right, the claimant will have his case rejected or dismissed. On the other hands, if the judge reaches the conclusion that it is fifty one per cent (51%), or more, likely that the claimant is in the right, then the claimant will win the case.
> In the present case, it is the claimant who is 'burdened' to prove his allegations against the defendant company. Only when this burden is discharged, the onus passes onto the defendant company to show, through evidence, otherwise."

45. Applikati dawn il-prinċipji għall-każ odjern il-Qorti tqis illi r-rikorrenti setgħet għamlet il-kompitu tagħha iktar faċli li kieku ħadet ħsieb li tressaq iżjed provi tal-istat ħażin tat-triq fejn seħħ l-inċident. Dan qed jingħad b'mod partikolari għaliex fi kliem ir-rikorrenti stess il-ħofra tħalliet hemm għal ħafna żmien wara l-inċident u allura kien hemm żmien biżżejjed (anke jekk biex jingħad kollox f'nofs Marzu 2020 faqqgħet il-pandemija tal-Covid-19) sabiex wieħed jieħu ritratti tal-lok u b'hekk jippriserva prova konklussiva tal-istat tat-triq. Inoltre minkejja li x-xhud **Joseph Bugeja** qal fl-affidavit tiegħu illi ħa *ritratti* tal-post, ir-rikorrenti u x-xhieda tagħha esebew biss ritratt wieħed (għalkemm ġie esebit għal numru ta' drabi). Il-Qorti tqis ukoll illi ma kienet titlef xejn ir-rikorrenti li kieku tellgħet rappreżentant tal-Kunsill Lokali intimat sabiex jixhed fuq l-istat tat-triq fiż-żmien tal-inċident u dwar jekk il-Kunsill talabx lill-Aġenzija intimata sabiex twettaq xi xogħolijiet ta' tiswija/riparazzjoni fiż-żmien sussegwenti.

46. Mill-banda l-oħra jrid jingħad ukoll illi l-Aġenzija intimata bl-ebda mod ma kkuntestat l-eżistenza tal-ħofra u l-istat ħażin ta' manutenzjoni tal-lok in kwistjoni. Mhux hekk biss, iżda lanqas ma għarfet tikkonduċi kontroeżami tax-xhieda illi kienu fuq il-post u li qalu illi l-ħofra kienet waħda fonda/kbira. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għal dak li ngħad fis-sentenza parzjali fl-ismijiet **Martin Chetcuti pro et noe v. Joseph Grech** (Avviż Nru. 827/2012 VG, deċiż 08/01/2014):

> "il-process tal-kontro-eżami huwa li, *"a party seeks: (a) to test the veracity and accuracy of evidence in chief, given by a witness called for another party; and (b) to elicit from that witness any relevant facts which may be favourable to the case for the cross-examiner. Cross-examination designed solely to discredit the witness and to destroy or reduce his credibility, is sometimes known as 'impeachment' and is perfectly permissible[49] ".*
>
> L-awtur G. D. Nokes[50] jghid li *"Cross-examination has the primary object of nullifying or modifying the evidence of the witness […] it is designed to test the accuracy of the witness's evidence […] cross-examination gives the witness an opportunity to deal with the case for the other party. The cross-examination must show what part of the witness's evidence is contested, and the opposite version of those facts must be stated to the witness for his comment or explanation."*
>
> L-importanza li jsir kontro-ezami hu spjegat minn Ian Dennis[51] f'dawn it-termini: *"The cross-examiner may also wish to test and challenge the unfavourable testimony that the witness has given in chief, hoping to get the witness to modify or qualify it, or even to admit that it was a lie or a mistake."*
>
> Issa, abbinat ma dan, insibu ritenut li, *"**Failure to cross-examine a witness** who has given relevant evidence for the other side **is held technically to amount to an acceptance of the witness's evidence in chief**. It is, therefore, not open to a party to impugn in a closing speech, or otherwise, the unchallenged evidence of a witness called by his opponent, or even to seek to explain to the tribunal of fact the reason for the failure to crossexamine […] Accordingly, it is counsel's duty, in every case: (a) to challenge every part of a witness's evidence which runs contrary to his own instructions; (b) to put to the witness, in terms, any allegation against him which must be made in the proper conduct of the case; and (c) to put to the witness counsel's*

---

[49] **Peter Murphy**, Murphy on Evidence, 7th ed., 2000; p. 509;
[50] An Introduction to Evidence, 4th ed., Sweet & Maxwell, 1967; pp.407–408;
[51] Law of Evidence, Sweet & Maxwell 4th ed., 2010; p.596;

*own case, in so far as the witness is apparently able to assist with relevant matters, or would be so able, given the truth of counsel's case[52] ".*

L-istess hu l-hsieb ta' l-awtur imsemmi fil-paragrafu 15 ta' din is-sentenza, fejn jirrimarka illi, *"failure to crossexamine implies acceptance of the truth of the witness's testimony, as reiterated in R. v. Hart [(1932) 23 C.A.R. 202.][53] ."*

Huwa minnu li dawn ic-citazzjonijiet aktar il-fuq riportati jirrigwardaw id-dritt Anglo Sassonu, pero t-Tribunal jirrimarka li dawn huma applikabbli mutatis mutandis ghall-ordinament Malti. Ta' min ifakkar illi lKodici Procedurali taghna jsib il-fonti tieghu fid-dritt Ingliz. Il-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) kien modellat, fil-gran parti tieghu, fuq in-normi procedurali Anglo-Sassoni, normi illi gew imhaddna fl-ordinament taghna fi zmien meta Malta kienet tifforma parti mill-Imperu Brittaniku.[54]

…

di natura l-kontro-ezami "***is beyond any doubt the greatest legal engine ever invented for the discovery of truth[55]***"."

47. Kif ġa ngħad, ir-ritratt esebit mix-xhieda tar-rikorrenti juri parti mill-ħofra u juri li dik il-parti tat-triq kienet fi stat ħażin ta' manutenzjoni b'konsenturi/xquq relattivament fondi li jestendu vertikalment u anke b'b'mod orizzontali.

48. Il-Qorti tqis ukoll illi l-Aġenzija intimata ma ppruvat tinvoka l-ebda waħda mid-difiżi misjuba fl-Art. 26(2) tal-Kap. 588 li flimkien mas-subinċiż (3) jipprovdu kif ġej:

---

52 **Peter Murphy**, op. cit., p.511;
53 **G. D. Nokes**, op. cit., p.407;
54 Fil-fatt fil-monografija "*Storia della Legislazione in Malta*", l-gurista eminenti Malti Paolo De Bono (Malta, 1897) ifisser li taht l-Imperu Ingliz, "*Varie altre leggi parziali, riguardanti l'organizzazione, il procedimento, le prove giudiziarie, furono pubblicate sino al 1850. Nel quale anno la commissione legislativa nominata il 7 agosto 1848 presentò il progetto del codice di leggi organiche e di procedura civile*." (p.320) u illi, "*Il diritto probatorio è in gran parte modellato sul sistema inglese, giá introdotto nell'isola sin dall'anno 1825. Ma i singoli provvedimenti sono alcune volte superiori a quelli delle leggi inglesi medesime*." (p.322) Importanti ferm illi limsemmi awtur, f'footnote ghal din l-ahhar kwotazzjoni, jghid, inter alia, hekk: "*Ma lo studio delle opera de' giuristi inglesi è in questo ramo indispensabile. Ai giovani raccomando specialmente la lettura del BEST, 'The principles of the law of evidence' 8th edizione curata dal LELY (Londra 1893). È un'opera che tratta metodicamente la materia, esponendo i canoni fondamentali del diritto probatorio inglese, tracciandone le sorgenti, e mostrandone il nesso*". (pp.322–323)
55 **Larry S. Pozner, Roger J. Dodd**, "Cross-Examination: Science & Techniques", 2nd ed., 2004; §1.02, p. 1–3.

**'26 (2) F'kull wieħed mill-każijiet imsemmijin fis-subartikolu (1) aktar 'il fuq, fir-rigward tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, l-Aġenzija jew kunsill lokali, skont il-każ, għandha tkun difiża li jiġi ppruvat li:**

**(a) l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, l-Aġenzija jew kunsill lokali, skont il-każ, kienu ħadu ħsieb skont kif kien raġonevolment meħtieġ fiċ-ċirkostanzi, sabiex jiżguraw li dik il-parti tat-triq li magħha hija relatata l-azzjoni ma kenitx perikoluża għat-traffiku; jew**

**(b) li l-korriment jew id-dannu rriżultaw: (i) minn xogħlijiet li saru fuq jew taħt dik il-parti tat-triq li magħha hija relatata l-azzjoni; u (ii) minn avveniment li seħħ qabel it-tlestija tar-riintegrazzjoni jew tranġar ta' dik il-parti tat-triq skont kwalunkwe rekwiżit rilevanti.**

**(3) Għall-finijiet tad-difiża skont is-subartikolu (2)(a) aktar 'il fuq, il-qorti għandha b'mod partikolari tqis is-segwenti: (a) in-natura tat-triq, u t-traffiku li kien raġonevolment mistenni li jużaha; (b) il-livell adegwat ta' manutenzjoni għal triq ta' dak it-tip u użata minn traffiku ta' dik ix-xorta; (ċ) l-istat ta' tiswija li fih persuna raġonevoli kienet tistenna li ssib it-triq;(d) jekk l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, l-Aġenzija jew kunsill lokali, skont il-każ, kienux jafu jew kinux raġonevolment mistennija li jkunu jafu li l-kundizzjoni tal-parti tat-triq li magħha hija relatata l-azzjoni x'aktarx li kienet ser tkun ta' periklu għall-utenti tat-triq; (e) fejn l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, l-Aġenzija jew kunsill lokali, skont il-każ, ma setgħux ikunu raġonevolment mistennija li jsewwu dik il-parti tat-triq qabel ma nqalgħet il-kawża għall-azzjoni, x'tip ta' avviżi ta' twissija tpoġġew dwar il-kondizzjoni tagħha:**

**Iżda għall-finijiet ta' din id-difiża m'għandux ikun rilevanti li jiġi ppruvat li l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, l-Aġenzija jew kunsill lokali, skont il-każ, kienu għamlu arranġamenti ma' kuntrattur awtorizzat għat-twettiq jew għas-sorveljanza tal-manutenzjoni ta' dik il-parti tat-triq li magħha l-azzjoni hija relatata, sakemm ma jiġix pruvat ukoll li l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, l-Aġenzija jew kunsill lokali, skont il-każ, kienu taw lill-kuntrattur struzzjonijiet bil-miktub fir-rigward tal-manutenzjoni tat-triq u li dawk l-istruzzjonijiet ġew segwiti.'**

49. Fiċ-ċirkustanzi magħdud dan kollu, l-Qorti tqis illi iżjed iva milli le l-lok fejn seħħ l-inċident ma kienx miżmum tajjeb u kien fi stat ħażin ta' manutenzjoni. Peress illi huwa d-dmir tal-Aġenzija intimata illi "*tikkostruwixxi mill-ġdid, issewwi, ... u tirrenova kull triq u ... tieħu ħsieb iż-żamma*" tagħhom, isegwi għalhekk illi l-istess intimata wettqet trasgressjoni ta' dan l-obbligu impost fuqha mill-liġi.

**Kunsiderazzjoni: in-ness ta' kawża u effett**

50. Imiss issa jiġi kkunsidrat jekk ir-rikorrent ipprovatx in-ness ta' kawża u effett, ossia li l-ksur tal-obbligazzjoni *ex-lege* min-naħa tal-Aġenzija intimata wassal b'mod dirett għad-danni reklamati minnha.

51. Fin-nota ta' sottomissjonijiet finali tagħha l-Aġenzija intimata sostniet illi: *"f'dan il-każ, kuntrarjament għal kawżi simili rigwardanti allegat dannu kkawżat, hemm dubju serju kemm l-allegat danni sofferti mill-attriċi f'Jannar 2020 ġew in fatti ikkawżati mill-effett dirett tal-inċident li l-istess attriċi qed issostni li kienet involuta fih. Dan qiegħed jingħad stante l-fatt li tul il-perkors tal-proċeduri odjerni rriżulta mix-xhieda medika prodotta mill-istess attriċi, li din tal-aħħar kellha kundizzjoni fl-ispallejn tagħha, tant u hekk li hija proprju kien kellha intervent kirurgiku ftit tax-xhur qabel l-inċident mertu tal-proċeduri odjerni meta hija ġiet operata fi spallita x-xellugija fis-sena 2019. Apparti dan il-kontroeżami ta' Dr. John Casaletto nhar is-27 ta' Mejju 2024, magħmul mir-rappreżentanti legali tal-Aġenzija esponenti, huwa fih innifsu prova fuq bilanċ ta' probabilita' li d-dannu soffert mill-attriċi ġie ikkawżat minn fatturi anterjuri u distinti għall-allegat inċident ta' Jannar 2020".*

52. Mill-provi rriżulta s-segwenti:

- **Rikorrenti**: Bil-waqgħa hija qalet li sofriet ġrieħi serji fl-ispalla leminija tagħha. Kellha tagħmel żewġ operazzjonijiet: l-ewwel waħda dakinhar stess tal-inċident (21 ta' Jannar 2020) sabiex Dr. Casaletto jirranġa l-għadma li kienet ħarġet minn postha u t-tieni waħda fit-3 ta' Marzu 2020 peress illi kienu żviluppaw komplikazzjonijiet fl-istess spalla. Hija sostniet illi għalkemm kienet għamlet operazzjoni fl-ispalla l-oħra (ossia dik xellugija) xi xhur qabel l-inċident, din ma kellha x'taqsam xejn mal-interventi li kellha tagħmel wara l-inċident u ma kienx hemm *dislocation* tal-ispalla. Qalet ukoll illi kellha tattendi għal diversi sessjonijiet ta' fiżjoterapija.

- **Mr. John Casaletto:** Is-*surgeon* li wettaq l-interventi kirurgiċi fuq ir-rikorrenti xehed illi kien ra lir-rikorrenti b'mod formali l-ewwel darba fit-28 ta' Frar 2020 u li kien operaha f'Marzu 2020. Jidher però mill-provi dokumentarji prodotti mir-rappreżentant ta' St. James Hospital, **Albert Micallef**, li filfatt wara l-inċident in kwistjoni Mr. Casaletto għamel l-ewwel intervent fuq ir-rikorrenti

fil-21 ta' Jannar 2020[56] (kif qalet l-istess rikorrenti) biex ipoġġilha l-ispalla f'posta u dan minħabba *dislocation* fl-ispalla tal-lemin. Dan ikkonfermah huwa ukoll fil-kontroeżami tiegħu. It-tieni intervent sar fl-istess sptar fit-3 ta' Marzu 2020[57]. Sostna illi dan l-intervent kien fuq it-trattament tat-tiċrita fir-*rotator cuff* u mhux fuq xi bidliet deġenerattivi li setgħu kienu preżenti. In kontroeżami qal illi għalkemm matul l-operazzjoni sab tiċrita fir-"rotator cuff" tal-ispalla tal-lemin, huwa ma jistax jgħid jekk it-tiċrita kienitx preżenti qabel jew wara l-inċident. Ikkonferma ukoll li l-operazzjoni fuq l-ispalla tax-xellug (qabel l-inċidenti) kienet simili għall-operazzjoni fuq l-ispalla tal-lemin, iżda ma setax jiftakar x'kien ikkawża l-uġigħ fuq l-ispalla tax-xellug. Qal illi t-tieni intervent kellu jsir minħabba komplikazzjonijiet wara l-ewwel intervent u peress illi kien hemm tiċrita fir-*rotator cuff* tat-*tendon.*

- ***<u>In-patient files</u>*<u>:</u>** Mill-fajls esebiti minn **<u>Albert Micallef</u>** jirriżulta illi dwar l-ewwel intervent (wara l-inċident) fil-*Consultant's Report* a fol 147 hemm indikat illi d-*dislocation* fl-ispalla irriżultat permezz ta' *x-ray* li ttieħed l-Isptar Mater Dei u li l-operazzjoni li kienet saret fuq l-ispalla ix-xellugija ftit xhur qabel kienet *"uncomplicated".* Ġie imniżżel ukoll illi l-intervent kellu jikkonsisti fi *"closed shoulder reduction"* taħt *general anaesthesia.* Dwar it-tieni intervent tniżżel illi din kienet tikkonċerna *"arthroscopic rotator cuff repair greater than 2 cm"*[58]

- **<u>Dokumenti mediċi esebiti mir-rikorrenti:</u>** Mis-*Shoulder Right X-Ray Report* a fol 59 li sar dakinhar tal-inċident hemm indikat illi "There is anterior dislocation of the right humerus". Fl-*MRI Report* datat 28 ta' Frar 2020 a fol 58 hemm indikat: *"Mild ACJ degeneration is seen* ***but no evidence of associated subacromial impingement****... 12 mm incomplete full thickness tear of the posterior supraspinatus tendon insertion."* Fl-*MRI Report* datat 14 ta' Settembru 2020 a fol 60 hemm indikat: "*Small incomplete full-thickness mid substance tear of the supraspinatus tendon."*

[56] Fol 111
[57] Fol 155
[58] Fol 155

- **<u>Nadya German</u>**: Xehdet illi bħala fiżjoterapista kienet għamlet numru ta' sessjonijiet ta' fiżjoterapija fuq ir-rikorrenti mid-data tal-interventi kirurġiċi sal-4 ta' Ġunju 2020.

53. L-Aġenzija intimata issostni illi skond kif xehed Mr. Casaletto in kontroeżami jidher iżjed probabbli illi d-danni sofferti mir-rikorrenti ġew ikkawżati minn fatturi anteċedenti għall-inċident ta' Jannar 2020. Dan qed tgħidu għaliex huwa xehed illi ma setax jeskludi illi t-tiċrita fir-*rotator cuff* tal-ispalla l-leminija kienet preżenti <u>qabel</u> l-inċident u xehed ukoll li l-intervent li kien seħħ ftit xhur qabel kien simili għall-intervent li sar f'Marzu 2020. Qal inoltre illi meta persuna tal-eta tar-rikorrenti jkollha kundizzjoni/difett fi spalla waħda, hemm ċans li jkollha l-istess fl-ispalla l-oħra. Mr. Casaletto madanakollu ma setax jgħid x'kien wassal għall-ewwel intervent qabel l-inċident in kwistjoni.

54. Il-Qorti tqis illi rrispettivament mill-fatt illi Mr. Casaletto ma setax jeskludi mija fil-mija illi t-tiċrita fir-*rotator cuff* tal-ispalla l-leminija tar-rikorrenti kienet hemm qabel l-inċident, mill-provi prodotti jirriżulta illi **<u>iktar iva milli le</u>** (u fil-fehma tagħha, sew iktar iva milli le!) l-interventi li saru fuq ir-rikorrenti wara l-inċident in kwistjoni ġew neċessitati b'konsegwenza diretta tad-*dislocation* tal-ispalla li sofriet bil-waqa' tagħha. Dan jingħad mhux biss fid-dawl tad-dokumenti mediċi li juru li l-intervent ta' Jannar 2020 sar biex titqiegħed l-ispalla f'postha u li l-intervent ta' Marzu 2020 sar biex tiġi msewwija t-tiċrita fir-*rotator cuff* li kienet ta' madwar 2cm, iżda ukoll fid-dawl tal-asserzjoni tal-istess Mr. Casaletto li t-tieni intervent kien neċessarju sabiex isewwi tali tiċrita u mhux minħabba l-*Mild ACJ degeneration* li kien ħareġ mill-MRI. Il-fatt biss illi xhur qabel l-inċident ir-rikorrenti kienet ġiet sottoposta għal intervent simili ta' tiswija ta' tiċrita fir-*rotator cuff* tal-ispalla l-oħra ma jxejjinx jew jixħet f'dubbju serju n-ness bejn l-inċident u d-danni sofferti mir-rikorrenti, liema ness fil-fehma tal-Qorti ġie ppruvat b'mod sodisfaċenti mir-rikorrenti.

**Kunsiderazzjoni: prova tad-danni**

55. L-Aġenzija intimata ma ressqet l-ebda eċċezzjoni fis-sens illi d-danni reklamati mir-rikorrenti huma esaġerati iżda sostniet illi hija għandha ġġib l-aħjar prova tagħhom.

56. Kif diġà ngħad iżjed 'l fuq, skond il-ġurisprudenza l-oneru huwa fuq ir-rikorrent illi jipprova l-effettiva eżistenza tad-danni. Ingħad ukoll li l-iskop ta' azzjoni għal risarċiment tad-danni huwa li min isofri dannu jiġi re-integrat f' dak li jkun tilef b' konsegwenza ta' l-event dannuz **<u>u mhux</u>** li jieħu vantaġġ indebitu jew mhux

mistħoqq. Inoltre fir-rigward ta' spejjeż mediċi, għal saħħtu kulħadd għandu d-dritt li jieħu dawk il-miżuri neċessarji sabiex jassigura li jkollu l-aħjar kura fiċ-ċirkostanzi. Tant hu hekk illi huwa konsentit illi persuna tikkonsulta iktar minn tabib wieħed lokali jew esteru, li tirreklama bħala danni anki spejjez li tkun għamlet biex tieħu kura barra minn Malta jew spejjeż li tkun għamlet fi sptar privat lokalment.

57. Mid-dokumenti esebiti mar-rikors promotur li ġew ikkonfermati bil-ġurament mir-rikorrenti jirriżultaw is-segwenti riċevuti b'mod kronoloġiku:

| Data | Ammont | Provditur | Fol | Deskrizzjoni |
|---|---|---|---|---|
| 21/01/2020 | €1,198.30 | St. James Sliema | 6 | Intervention fees (stay 21/01/20) |
| 29/01/2020 | €76.00 | St. James Sliema | 17 | Consultation with Surgeon & Hospital Fee |
| 28/02/2020 | €379.00 | St. James Zejtun | 15 | Hospital Fee/Radiology Fee |
| 28/02/2020 | €86.00 | St. James Zejtun | 16 | Consultation with Surgeon & Hospital Fee |
| 02/03/2020 | €122.00 | St. James Zejtun | 13 | X Rays + ECG |
| 02/03/2020 | €15.00 | St. James Zejtun | 14 | Pre-op examination |
| 04/03/2020 | €5,570.88 | St. James Sliema | 11 | Intervention fees (stay 03/03 - 04/03) |
| 04/03/2020 | €8.64 | St. James Sliema | 12 | Medication fees |
| 09/03/2020 | €35.00 | Nadya German | 18 | Physiotherapy |
| 16/03/2020 | €18.68 | St. James Sliema | 9 | Medication fees |
| 16/03/2020 | €85.00 | St. James Sliema | 10 | Surgical Face Mask - Pleated (Pkt x50) |
| 16/03/2020 | €35.00 | Nadya German | 18 | Physiotherapy |
| 20/03/2020 | €23.50 | St. James Zejtun | 7 | Driving license certificate |
| 20/03/2020 | €6.00 | St. James Zejtun | 8 | Hospital Fee (Consultation with Surgeon) |
| 23/03/2020 | €35.00 | Nadya German | 18 | Physiotherapy |
| 06/04/2020 | €35.00 | Nadya German | 19 | Physiotherapy |
| 13/04/2020 | €35.00 | Nadya German | 18 | Physiotherapy |
| 20/04/2020 | €35.00 | Nadya German | 19 | Physiotherapy |
| 21/05/2020 | €35.00 | Nadya German | 19 | Physiotherapy |
| 04/06/2020 | €35.00 | Nadya German | 19 | Physiotherapy |
| **TOTAL** | **€7,869.00** | | | |

58. Wieħed mill-prinċipji fundamentali fil-proċedura ċivili huwa dak li parti għanda ġġib **l-aħjar provi** li tista' ġġib. Din hija regola li ntirtet mill-liġi komuni Ingliża fejn sabet

il-bidu tagħha lejn nofs is-seklu tmintax. Fis-sentenza fl-ismijiet **Omychund v. Barker**[59] Lord Harwicke stqarr illi

> "the judges and sages of the law have laid it down that there is but one general rule of evidence, the best that the nature of the case will permit".

B'hekk per eżempju provi meqjusa *sekondarji* bħal kopji ta' skrittura ma' kienux jitqiesu ammissibbli ġaladarba l-parti kellha l-obbligu li tipproduċi d-dokument oriġinali. Ir-razzjonal wara din ir-regola jista' tinftiehem l-iżjed fil-kuntest taż-żmien meta daħlet fis-seħħ. Fis-seklu tmintax fl-Ingilterra kopja ta' dokument kienet ħafna drabi tinkiteb bl-idejn minn skrivan jew anke mill-litiganti nfushom u għalhekk kien faċli li jsiru żbalji jew saħansitra jiġi perpetrat qerq f'tali kopji. Fiż-żminijiet tal-lum però u bil-progress kbir li sar fl-industrija diġitali, dan ir-razzjonal ftit li xejn għadu jagħmel sens. Fl-Ingilterra u Wales filfatt din ir-regola ġiet ristretta għal każijiet fejn litigant jagħżel b'kapriċċ illi jesebixxi kopji ta' dokumenti pertitenti għall-każ tiegħu minflok ma' jesebixxi l-oriġinali. It-tendenza hija ukoll illi anke fil-każijiet fejn parti tressaq prova sekondarja mingħajr ġustifikazzjoni, il-Qorti tqis tali prova b'mod sfavorevoli fir-rigward tal-piż probatorju tagħha u mhux tiddikjara inammissibbli.

59. Fis-sentenza mogħtija fl-1969 mill-Qorti tal-Appell Ingliża fl-ismijiet **Garton v. Hunter**[60]**,** Lord Denning qal:

> *"nowadays we do not confine ourselves to the best evidence. We admit all relevant evidence. The goodness or badness of it goes only to weight and not to admissibility".*

60. Ftit iżjed minn tletin sena wara fl-istess Qorti, fis-sentenza fl-ismijiet **Masquerade Music Ltd & Ors v Springsteen**[61]**,** Lord Jonathan Parker iddikjara li:

> "In my judgment, the time has now come when it can be said with confidence that the best evidence rule, long on its deathbed, has finally expired. In every case where a party seeks to adduce secondary evidence of the contents of a document, it is a matter for the court to decide, in the light of all the circumstances of the case, what (if any) weight to attach to that evidence. Where the party seeking to adduce the secondary evidence could readily produce the document, it may be expected that (absent some special circumstances) the court will decline

[59] Omychund v Barker (1745) 1 Atk, 21, 49; 26 ER 15, 33
[60] Garton v. Hunter [1969] 1 All ER 451, [1969] 2 QB 37
[61] Masquerade Music Ltd & Ors v Springsteen [2001] EWCA Civ 513 (10 April 2001)

to admit the secondary evidence on the ground that it is worthless. At the other extreme, where the party seeking to adduce the secondary evidence genuinely cannot produce the document, it may be expected that (absent some special circumstances) the court will admit the secondary evidence and attach such weight to it as it considers appropriate in all the circumstances. In cases falling between those two extremes, it is for the court to make a judgment as to whether in all the circumstances any weight should be attached to the secondary evidence. Thus, the "admissibility" of secondary evidence of the contents of documents is, in my judgment, entirely dependent upon whether or not any weight is to be attached to that evidence. And whether or not any weight is to be attached to such secondary evidence is a matter for the court to decide, taking into account all the circumstances of the particular case".

61. Fil-każ tal-liġi Maltija, l-artikolu tal-liġi li jipprovdi għal din ir-regola huwa suċċint:

**'559. Il-qorti għandha fil-każijiet kollha tordna li ssirilha l-aħjar prova li l-parti tista' ġġib.'**

62. Anke mad-daqqa t'għajn għalhekk huwa ċar illi l-obbligu li għandu parti f'kawża mhuwiex illi jġib l-aqwa prova iżda li jġib l-aqwa prova **li jista' jġib.** Fejn huwa impossibbli jew diffiċli għal dik il-parti li ġġib l-aqwa prova, il-Qorti tiżbalja jekk tqis inammissibbli l-provi sekondarji li jistgħu jinġiebu – li wara kollox ikunu l-aqwa prova li dik il-parti setgħet b'mod raġjonevoli tressaq.

63. Fil-ġurisprudenza lokali għalkemm il-Qrati qatt ma' ddejjqu japplikaw din ir-regola b'mod rigoruż, jidher li daħlet tendenza illi r-regola tiġi rilassata meta l-provi miġjuba ma' jkunux ġew kontestati mill-parti l-oħra, u dan anke meta dokumenti li jinġiebu biex isaħħu tali provi ma' jkunux ġew ġuramentati.

64. Fis-sentenza fl-ismijiet **Martina Farrugia et. v. Carmel Farrugia** (Qorti tal-Appell Superjuri, Rik. 27/14/1, 26/05/2017), il-kawża kienet titratta prinċipalment talba għall-manteniment mir-rikorrenti fil-konfront ta' missierhom minkejja li kienu laħqu l-eta ta' tmintax-il sena u dan peress li kienu għadhom qed jistudjaw fuq bażi *full-time*. L-ulied xehdu permezz ta' *affidavit* illi huma kienu jattendu l-Universita' fuq bażi *full-time* u li kienu qegħdin jistudjaw għal lawriji fil-B.A. (Tourism Studies), fil-każ tat-tifla, u fil- B.Sc (Earth Systems) fil-kawż tat-tifel. Esebew ukoll *emails* mibgħuta mir-Reġistratur tal-Università ta' Malta li jattestaw għall-fatt li huma kienu għadhom qed jistudjaw l-Università. L-intimat ma xehedx u lanqas ressaq provi. L-Ewwel Qorti laqgħet it-talba tar-rikorrenti u ffissat somma bħala manteniment li

kellu jħallas l-intimat lill-uliedu. L-intimat appella mid-deċiżjoni *inter alia* bl-aggravju "*illi l-Ewwel Qorti injorat kompletament in-norma legali li għandha tinġieb l-aħjar prova, in kwantu kellu jirriżultalha li l-atturi naqsu milli jressqu l-aħjar prova illi huma kienu verament qeghdin jattendu kors universitarju full time.*" Skond l-intimat, "*l-atturi setgħu ressqu rappreżentant tal-Università ta' Malta sabiex jikkonferma li l-aħwa Farrugia kienu għadhom isegwu kors universitarju qabel ma għalqu t-tlieta u għoxrin sena... Kienu l-atturi li kellhom l-oneru tal-prova tal-fatt sostnut minnhom, u huma ma tellgħu ebda prova oħra sabiex jikkoroboraw id-dokumenti preżentati minnhom.*" Il-Qorti tal-Appell (Superjuri) ċaħdet dan l-aggravju u qalet hekk:

> "Il-Qorti tirrileva illi ghalkemm ebda wiehed mid-dokumenti ma huwa guramentat, jibqa' l-fatt li hemm ix-xhieda mhux kontradetta tal-atturi ahwa Farrugia illi fiha bil-gurament taghhom jikkonfermaw illi huma baqghu studenti full time wara li ghalqu t-18-il sena u indikaw adirittura l-ammont li jippercepixxu fi stipendju ta' kull xahar. Id-dokumenti minnhom ipprezentati jikkonfortaw din ix-xhieda, u ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti l-ewwel Qorti kellha provi sufficjenti sabiex fuq bazi ta' probabbilita` u verosimiljanza tasal ghal konkluzjoni li waslet ghaliha u din il-Qorti ma tikkonsidrax li jezistu c-cirkostanzi stabbiliti fil-gurisprudenza sabiex tiddisturba l-apprezzament tal-provi maghmul mill- ewwel Qorti fir-rigward...Il-konkluzjoni premessa ssib ukoll konfort fil-fatt li mill-atti jirrizulta li, minkejja diversi differimenti moghtija lill-konvenut mill-ewwel Qorti sabiex dan iressaq il-provi tieghu jew jikkontroezamina x-xhieda tal-atturi dan baqa' passiv u ma ressaq ebda prova diretta biex tikkontrasta l-provi tal-atturi, u dan minkejja li fl-udjenza tas-16 ta' April 2015 l-kawza kienet giet differita 'ghall-ahhar darba ghall-provi tal-konvenut u jekk jibqa' ma isir xejn il-Qorti ser tghaddi ghas-sentenza fuq il-provi li ghandha.' Ghaldaqstant dan l-aggravju mhuwiex gustifikat u qed jigi michud"

65. Fis-sentenza mogħtija mill-istess Qorti fl-ismijiet: **<u>Simone Eve Collette Sammut et. v. Adam Sammut et.</u>** (Rik. 1047/2014/1, 17/03/2021) l-appellanti ressqu l-aggravju illi bosta dokumenti li kienu ġew ppreżentati mir-rikorrenti quddiem l-Ewwel Qorti ma' kienux ġew debitament ikkonfermati bil-ġurament u għalhekk ma kellhomx jingħataw wisq importanza, kif ukoll li t-testment ippreżentat mar-rikors promotur ma setax jitqies bħala l-aħjar prova għaliex ma' tressqux provi li jaċċertaw li dan kien l-aħħar testment ta' omm il-kontendenti fil-kawża. Il-Qorti tal-Appell (Superjuri) stqarret is-segwenti:

> "l-principju ewlieni li jirregola l-piz probatorju jibqa' dejjem li min jallega jrid jipprova, jigifieri onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat. Huwa obbligu ta' min iressaq kawza quddiem il-Qorti sabiex jesebixxi d-dokumenti kollha relevanti ghall-kaz tieghu. Inoltre l-Artikolu

559 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, jipprovdi li ghandha tingieb quddiem il-Qorti l-ahjar prova, obbligu tal-partijiet fil-kawza. Huwa minnu, li fl-istess dispozizzjoni jinghad li, il-Qorti ghandha dritt tesigi li titressaq l-ahjar prova, izda l-fatt li l-ewwel Qorti accettat il-produzzjoni ta' numru ta' dokumenti li m'humiex guramentati, ma jfissirx li l-ewwel Qorti kellha xi obbligu li tikkonduci l-provi tal-partijiet hija stess (ara sentenza ta' din il-Qorti tat-30 ta' April, 2009, fil-kawza fl-ismijiet Nicola Ciantar & Sons Limited v. General Provisions Company Limited.) Madankollu jigi osservat ukoll li l-konvenut appellant qatt ma kkontesta l-validita` tad-dokumenti jew l-awtenticita` tal-istess dokumenti mressqa mill-atturi appellati, hlief fl-istadju tal-appell.... Kwindi ghalkemm din il-Qorti tqis li huwa minnu li kien ikun ahjar li l-atturi appellati jikkonfermaw bil-gurament id-dokumenti kollha esebiti minnhom, u li jressqu ricerki testamentarji li jixhdu li t-testment in atti kien l-ahhar wiehed ta' ommhom, din il-Qorti ma tistax twarrab l-istess dokumenti mressqa minnhom, minkejja n-nuqqas li dawn jiġu debitament guramentati, u li jitressqu r-ricerki testamentarji, daqslikieku ma tressqu provi ta' xejn."

66. Fil-każ in eżami r-riċevuti esebiti mir-rikorrenti ġew ikkonfermati bil-ġurament meta saret riferenza għalihom fl-*affidavit* tagħha. Għal xi raġuni jew oħra però hija ma ħadietx ħsieb illi ttella' l-persuni li rrilaxxawhom sabiex jikkonfermawhom bil-ġurament. Għal darb' oħra l-Qorti tħoss illi r-rikorrenti għamlet il-kompitu tagħha li tipprova l-każ tagħha iżjed diffiċli bla bżonn. Dan qed jingħad għaliex kien faċli mmens għar-rikorrenti illi tieħu ħsieb illi **l-istess xhieda** li tellgħet biex jixhdu in eżami, ossia Mr. John Casaletto, Nadya German u Albert Micallef (għall-Isptar Saint James) li lkoll xehdu fuq l-interventi tagħhom li għamlu fuq ir-rikorrenti, jikkonfermaw l-istess riċevuti bil-ġurament tagħhom. In-nuqqas tagħha li tagħmel dan ma jistax ħlief jitqies bħala traskuraġni li seta' faċilment ġie evitat.

67. Mill-banda l-oħra l-Qorti hija tal-istess fehma tal-Qorti tal-Appell Superjuri illi b'daqshekk hija ma għandiex awtomatikament twarrab tali riċevuti daqs li kieku ma ġew qatt ippreżentati. Dan qed jingħad mhux biss għaliex ġew ikkonfermati bil-ġurament mir-rikorrenti, iżda iżjed minn hekk u forsi l-iktar importanti, għaliex matul il-kors tal-kawża ma kien hemm l-ebda attentat mill-Aġenzija intimata sabiex toġġezzjona għalihom.

68. Fuq kollox il-Qorti tikkunsidra illi kważi l-ammonti kollha indikati fl-istess riċevuti huma spejjeż li jistgħu jitqiesu raġjonevoli fil-kuntest tal-interventi illi dwarhom inġiebet prova iżjed minn suffiċjenti fil-kors tal-kawża. Għalhekk il-Qorti sejra tqis illi huma ammissibbli bħala prova r-riċevuti kollha li ġew esebiti mir-rikorrenti.

69. Madanakollu l-Qorti tara illi riċevuta minnhom, ossia dik rilaxxjata fl-20 ta' Marzu 2020 mill-Isptar Saint James (Żejtun) fl-ammont ta' € 23.50, rigward *"driving license certificate"* tikkonċerna spiża illi ma tagħmel l-ebda sens fil-kuntest tal-provi li tressqu u għalhekk sejra tiskartaha.

70. Finalment il-Qorti tqis ukoll illi minkejja dak li jiddisponi l-Artiklu 1045, ir-rikorrenti talbet risarċiment biss tal-ispejjeż li inkorriet u ma kien hemm l-ebda tentattiv min-naħa tagħha sabiex tillikwida jew titlob il-likwidazzjoni tad-danni oħra li setgħet sofriet (*damnum emergens*[62]) kemm bħala telf effettiv u kemm bħala telf ta' qliegħ li jista' jkun li tbati 'l quddiem (*lucrum cessans*). Ċertament għalhekk ma jistax jingħad illi r-rikorrenti ppruvat tieħu vantaġġ indebitu jew mhux mistħoqq bit-talbiet magħmulha minnha.

71. Fl-aħħar nett, il-Qorti tħoss li jkun opportun li tirrileva li għalkemm fir-rikors promotur ir-rikorrenti m'għamlet l-ebda talba għall-ħlas tal-imgħax, il-Qorti m'hijiex prekluża milli takkordalha l-imgħaxijiet bħala l-parti rebbieħa. F'dan ir-rigward teżisti ġurisprudenza, anke mill-Qorti tal-Appell, fis-sens illi r-rikorrent huwa obbligat illi jagħmel talba espressa għal ħlas tal-imgħax. Hekk pereżempju insibu s-segwenti fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Superjuri) mogħtija fl-ismijiet: **<u>L-Imħallef Dr. Alberto Magri et v. Advantage Advertising Limited et</u>** (Ċit 442/2005/1, 30/09/2011):

> "L-aħħar aggravju tal-atturi jolqot l-imgħaxijiet. L-atturi jgħidu illi talba għall-ħlas tal-kapital tinkludi fiha talba għall-ħlas tal-imgħaxijiet relativi wkoll u għalhekk ma huwiex meħtieġ illi ssir talba speċifika għall-imgħaxijiet...*Ubi lex voluit dixit; ubi noluit tacuit*. L-art. 177 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jgħid illi "l-klawsola «bl-ispejjeż» titqies dejjem bħala mdaħħla f'kull skrittura li fiha jistgħu jintalbu l-ispejjeż", iżda ma tgħidx l-istess ħaġa dwar l-imgħaxijiet. Dan ifisser illi jekk l-atturi riedu l-imgħaxijiet kellhom jagħmlu talba speċifika għalihom... Dan l-aħħar aggravju tal-atturi huwa għalhekk miċħud."

Madanakollu l-Qorti taqbel iżjed mal-iskorta ta' ġurisprudenza[63] illi tirritjeni illi l-imgħax jiddekorri b'effett tal-liġi a tenur tal-artikolu 1141 tal-Kodiċi Ċivili u għalhekk

---

[62] Minkejja li l-istess rikorrenti għamlet allużjoni għalihom fl-affidavit tagħha.
[63] Ara fost oħrajn **<u>Marica Cutajar v. Turnkey Creative Limited</u>** (PA, Rik Maħ 875/2016 MS, 07/12/2023) u **<u>Crocefissa sive Christine Abela et vs. Valletta Gateway Terminals Limited et,</u>** (App Ċiv Sup 95/2010/1, 30/11/2022)

talba għall-imgħax hija konsegwenzjali għat-talba għall-kundanna għall-ħlas tal-kapital. Hekk pereżempju fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Costantino Abela vs George Azzopardi</u>** (App Ċiv 380/1987/1, 07/10/2005) ingħad dak li ġej mill-Qorti tal-Appell (Superjuri):

> "Ghalkemm huwa minnu illi fl-att ta' citazzjoni ma saritx talba sabiex fuq is-somma ta' Lm1928 pretiza mill-attur jiddekorri l-imghax, ma jistax jinghad illi l-ewwel Qorti ddecidiet extra petita meta ipprovdiet dwar it-2 talba attrici bil-mod segwenti (fol. 254): "*tikkundannah [lill-konvenut] jirrifondi lill-attur din issomma ta' Lm1,928 bl-imghax mid-data tan-notifika tac-citazzjoni.*"
>
> Dana qed jinghad in vista ta' dak illi jipprovdi s-subartikolu tnejn (2) ta' l-artikolu 1141 tal-Kodici Civili. Dan l-artikolu shih jiddisponi hekk: *"1141. (1) Jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta kummercjali jew jekk il-ligi tkun tiddisponi li l-imghaxijiet ghandhom jibdew ighaddu ipso jure, l-imghaxijiet ghandhom ighaddu minn dak in-nhar li l-obbligazzjoni kellha tigi esegwita. (2) F'kull kaz iehor, l-imghaxijiet ghandhom ighaddu minn dak in-nhar illi ssir sejha ghall-hlas b'att gudizzjarju, ghalkemm fil-ftehim ikun gie stabbilit zmien ghall-esekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni."*
>
> Ma hemmx dubbju illi l-obbligazzjoni relativa ghat-2 talba attrici ma hijiex wahda ta' natura kummercjali u lil dina l-Qorti ma tirrizultalhiex xi ligi li tiddisponi illi ghall-istess obbligazzjoni "l-imghaxijiet ghandhom jibdew ighaddu ipso jure"; Inoltre, fil-fehma ta' dina l-Qorti, it-2 talba attrici tammonta ghal "sejha ghall-hlas b'att gudizzjarju";
>
> A skans ta' ekwivoci, huwa utili illi jinghad illi dina l-Qorti hija ukoll tal-fehma illi l-kliem "**<u>sejha ghall-hlas" fic-citat artikolu 1141(2) tal-Kodici Civili jirreferi ghall-hlas tal-kapital u mhux ta' l-imghax fuqu</u>** u illi, konsegwentement, meta, bhal fil-kaz odjern, tkun saret it-talba b'att gudizzjarju ghall-hlas tal-kapital, jibda jiddekorri ope legis l-imghax fuq l-istess kapital"

72. Fil-każ in eżami r-rikorrenti għamlet it-talba għall-ħlas tal-ammont likwidat fil-konfront tal-Aġenzija intimata saħansitra qabel l-preżentata tal-azzjoni odjerna u ċioe permezz tal-ittra uffiċjali ppreżentata fis-26 ta' Novembru 2021 li ġiet notifikata lilha fis-**<u>6 ta' Diċembru 2021</u>**. Għalhekk huwa minn din id-data li għandu jitqies li beda jiddekorri l-imgħax dovut lir-rikorrenti.

**Deċiżjoni**

73. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddisponi mill-kawża billi:**

a. **Qabel xejn tilqa' l-eċċezzjoni preliminari mressqa mill-Kunsill Lokali intimat u mill-Awtorita' intimata fis-sens illi tiddikjara illi dawn m'humiex leġittimi kontraditturi għall-azzjoni tar-rikorrenti u għalhekk tilliberahom mill-osservanza tal-ġudizzju.**

b. **Tiċħad l-istess eċċezzjoni preliminari mressqa mill-Aġenzija intimata billi tiddikjara illi hija leġittimu kontradittur għall-azzjoni tar-rikorrenti.**

c. **Tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti fil-konfront biss tal-Aġenzija intimata fis-sens illi tiddikjara illi din naqset mid-dmir tagħha impost mill-liġi fir-rigward taż-żamma u manutenzjoni tal-lok fejn seħħ l-inċident b'dan illi għalhekk taħti u hija obbligat għall-ħlas tad-danni li sofriet ir-rikorrenti fl-inċident tal-21 ta' Jannar 2020 fi Triq il-Mitħna, Ħal Qormi, u dan fl-ammont ta' sebat elef tmien mija ħamsa u erbgħin euro u ħamsin ċenteżmu (€ 7,845.50) u għalhekk tikkundanna lill-Aġenzija intimata tħallas lir-rikorrenti dan l-ammont flimkien mal-imgħax legali fuqu dekoribbli mis-6 ta' Diċembru 2021 sad-data tal-pagament effettiv.**

**L-ispejjeż kollha kif mitluba, ikunu a kariku tal-Aġenzija intimata.**

V.G. Axiak — Y.M. Pace

Maġistrat — Dep Reġistratur